

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

P8_TA(2015)0470

Rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja fl-2014 u l-politika tal-UE dwar il-kwistjoni**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar ir-Rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja fl-2014 u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni (2015/2229(INI))**

(2017/C 399/19)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u trattati u strumenti oħrajn tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali adottati fi New York fis-16 ta' Diċembru 1966,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Novembru 2014 dwar il-25 Anniversarju tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 8, 21 u 23 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, kif adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-25 ta' Ġunju 2012 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE dwar il-Libertà ta' Espressjoni Online u Offline, adottat mill-Kunsill Affarijiet Barranin fit-12 ta' Mejju 2014 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida għad-delegazzjonijiet interparlamentari tal-PE dwar il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija waqt iż-żjarat tagħhom barra mill-UE ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2014, adottat mill-Kunsill fit-22 ta' Ġunju 2015 ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019, adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015 ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0070.

⁽²⁾ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11855-2012-INIT/mt/pdf>

⁽³⁾ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/foraff/142549.pdf

⁽⁴⁾ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/foraff/137585.pdf

⁽⁵⁾ <http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/201203/20120329ATT42170/20120329ATT42170EN.pdf>

⁽⁶⁾ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10152-2015-INIT/mt/pdf>

⁽⁷⁾ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10897-2015-INIT/mt/pdf>

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa: Nittrasformaw Ħajjet il-Bniet u n-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020 (GAPII), adottat mill-Kunsill fis-26 ta' Ottubru 2015 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012 dwar iż-żieda fl-impatt tal-politika tal-UE għall-iżvilupp: aġenda għall-bidla ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2014 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (CFSP) 2015/260 tas-17 ta' Frar 2015 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 dwar is-Sessi fl-Iżvilupp ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-31 ta' Ottubru 2000 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet ta' urġenza tiegħu dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar politiki tal-UE favur id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2011 dwar il-politiki esterni tal-UE favur id-demokratizzazzjoni ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar Strateġija dwar il-Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar il-libertà tal-istampa u tal-mezzi tal-komunikazzjoni fid-dinja ⁽¹⁰⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2013 dwar il-korruzzjoni fis-settur pubbliku u f'dak privat: l-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi ⁽¹¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2013 dwar diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta ⁽¹²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2014 dwar prijoritàjiet tal-UE għall-25 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU ⁽¹³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2015 dwar il-prijoritàjiet tal-UE għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2015 ⁽¹⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-2 ta' April 2014 dwar id-69 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ⁽¹⁵⁾,

⁽¹⁾ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13201-2015-INIT/mt/pdf>

⁽²⁾ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/foraff/130243.pdf

⁽³⁾ <http://register.consilium.europa.eu/doc/srv?l=MT&f=ST%2015559%202014%20INIT>

⁽⁴⁾ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32015D0260>

⁽⁵⁾ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9242-2015-INIT/mt/pdf>

⁽⁶⁾ [http://www.un.org/en/ga/search/view_doc.asp?symbol=S/RES/1325\(2000\)](http://www.un.org/en/ga/search/view_doc.asp?symbol=S/RES/1325(2000))

⁽⁷⁾ ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 69.

⁽⁸⁾ ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 165.

⁽⁹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0470.

⁽¹⁰⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0274.

⁽¹¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0394.

⁽¹²⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0420.

⁽¹³⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0252.

⁽¹⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0079.

⁽¹⁵⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0259.

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-qerda tat-tortura fid-dinja ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2015 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2013 u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar "Id-drittijiet tal-bniedem u t-teknoloġija: l-impatt ta' sistemi ta' intrużjoni u sorveljanza fuq id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi" ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2015 dwar il-migrazzjoni u r-rifuġjati fl-Ewropa ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar it-tiġdid tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fl-Iżvilupp ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-piena tal-mewt ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tat-8 ta' Ottubru 2014 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-istrateġija tat-tkabbir u l-isfidi ewlenin 2014-2015 ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tat-8 ta' Marzu 2011 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Sħubija għad-Demokrazija u l-Prospertà Komuni fin-Nofsinhar tal-Mediterran ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tal-25 ta' Mejju 2011 tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar risposti għodda għal viċinat fi trasformazzjoni ⁽¹⁰⁾,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2014 dwar approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jħaddan id-drittijiet tal-bniedem kollha għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE (SWD(2014)0152),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tas-26 ta' Ġunju 2014 li titlob li jitwaqqaf grupp ta' ħidma intergovernattiv indefinit bil-għan li jtfassal strument ġuridikament vinkolanti flivell internazzjonali għall-kumpaniji transnazzjonali u impriżi kummerċjali oħrajn fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem ⁽¹¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar l-approċċ il-ġdid tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija – evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija (EED) mindu ġie stabbilit ⁽¹²⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-2014 tal-UNFPA-UNICEF dwar il-Programm Konġunt dwar il-mutilazzjoni ġenitali femminili ⁽¹³⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0344/2015),

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0206.

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0076.

⁽³⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0272.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0288.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0317.

⁽⁶⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0350.

⁽⁷⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0348.

⁽⁸⁾ http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/key_documents/2014/20141008-strategy-paper_mt.pdf

⁽⁹⁾ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX:52011DC0200>

⁽¹⁰⁾ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0303:FIN:mt:PDF>

⁽¹¹⁾ <http://daccess-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/GEN/G14/082/52/PDF/G1408252.pdf?OpenElement>

⁽¹²⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0274.

⁽¹³⁾ <http://www.unfpa.org/sites/default/files/pub-pdf/Joint%20Programme%20on%20FGMC%20Summary%20Report.pdf>

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

- A. billi l-Artikolu 21 tat-TUE jimpenja lill-UE li tiżviluppa Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PEŠK) iggwidata mill-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà u l-konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mad-dritt internazzjonali;
- B. billi, skont l-Artikolu 6 tat-TUE, l-Unjoni għandha taderixxi mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;
- C. billi r-rispett u l-promozzjoni, l-indiviżibilità u s-salvagwardja tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu s-sisien tal-azzjoni esterna tal-UE;
- D. billi ż-żieda fil-koerenza bejn il-politika interna u dik esterna tal-UE, kif ukoll fost il-politiki esterni tal-UE tikkostitwixxi rekwiżit indispensabbli għal politika effikaċi u ta' suċċess tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-konsistenza mtejbja għandha tippermetti lill-UE tirrispondi aktar malajr fil-fażijiet bikrin tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;
- E. billi l-impenn tal-UE favur il-multilateraliżmu effikaċi, bin-NU fil-qalba tiegħu, huwa parti integrali mill-politika esterna tal-Unjoni u għandu l-għerq tiegħu fil-konvinzjoni li sistema multilaterali bbażata fuq regoli u valuri universali hija l-aktar adatta biex tindirizza l-kriżijiet, l-isfidi u t-tneħħid globali;
- F. billi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem jinsab mhedded u f'periklu fid-dinja kollha; billi l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem hija mhedda b'mod serju minn għadd ta' reġimi awtoritarji, b'mod partikolari fil-fora multilaterali;
- G. billi aktar minn nofs il-popolazzjoni dinjija għadha tgħix taħt reġimi mhux demokratiċi u repressivi u l-libertà globali kompliet tonqos matul dawn l-aħħar ftit snin; billi n-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem jissarraff fi prezz għas-soċjetà u għall-individwu;
- H. billi fid-dinja kollha jeżistu bosta tentattivi biex jikkien l-ispazju tas-soċjetà ċivili, anki fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;
- I. billi, barra mill-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet liberi, fost il-karatteristiċi tar-reġimi demokratiċi nsibu l-governanza trasparenti, ir-rispett tal-istat tad-dritt, il-libertà tal-espressjoni, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-eżistenza ta' sistema ġudizzjarja indipendenti u r-rispett tad-dritt internazzjonali u tal-ftehimiet u tal-linji gwida internazzjonali dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;
- J. billi l-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) iddikjarat, meta l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt Ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija ġie propost, li d-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu waħda mill-prijoritajiet globali tal-mandat tagħha, boxxla fir-relazzjonijiet kollha mal-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll mal-pajjiżi terzi, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mas-soċjetà ċivili; billi fl-2017 se jitwettag rieżami intermedju tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija li se jaħbat mar-rieżami intermedju tal-istrumenti finanzjarji esterni, li għandu jikkontribwixxi għaż-żieda fil-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE;
- K. billi s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid; billi l-missjonijiet tal-UE u r-rappreżentanzi tal-UE fil-pajjiżi terzi jistgħu jiżvolgħ rwol supplimentari notevoli fis-suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni;
- L. billi jeħtieġ li jiġu żgurati riżorsi xierqa, u tali riżorsi jeħtieġu jintużaw bl-aktar mod effiċjenti, biex titjieb il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fil-pajjiżi terzi;
- M. billi l-UE jmissha tagħmel aktar biex tkejjel l-impatt tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-politiki tagħha, timmassimizza l-impatti pożittivi u tipprevjeni u ttaffi l-impatti negattivi, kif ukoll issaħħaħ l-aċċess għal rimedji għall-popolazzjonijiet milquta;

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

- N. billi l-involvement mal-mexxejja u mal-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi, fil-fora bilaterali u multilaterali kollha, jikkostitwixxi waħda mill-għodod l-aktar effikaċi biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi; billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi terzi huma interlokuturi fundamentali fit-tiswir u fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;
- O. billi l-UE tqis li l-kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili u mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħha biex jiġu indirizzati l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem;
- P. billi l-kooperazzjoni internazzjonali għandhom tiżvolġi rwol dejjem akbar fit-tisħiħ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-viġilanza parlamentari effikaċi tas-servizzi ta' intelligence li jużaw it-teknoloġija ta' sorveljanza diġitali;
- Q. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha ilhom alleati stretti tal-Qorti Kriminali Internazzjonali sa mill-bidu tagħha, jipprovduha b'appoġġ finanzjarju, politiku, diplomatiku u loġistiku filwaqt li jippromwovv l-universalità tal-Istatut ta' Ruma u jiddefendu l-integrità tagħha bil-għan li jsaħħu l-indipendenza tal-Qorti;
- R. billi l-politika ta' sostenn favur id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija għandha tkun integrata fil-politiki kollha tal-UE b'dimensjoni esterna, bħall-iżvilupp, il-migrazzjoni, is-sigurtà, l-antiterroriżmu, it-tkabbir u l-kummerċ, bil-għan li titkompla l-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;
- S. billi l-Artikolu 207 tat-TFUE jiddisponi li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tissegjes fuq il-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea;
- T. billi d-diversi forum ta' migrazzjoni jirrappreżentaw sfida importanti għall-politika esterna tal-UE li teħtieġ soluzzjonijiet immedjati, effikaċi u sostenibbli bil-għan li d-drittijiet tal-bniedem tal-persuni fil-bżonn, bħal dawk li qegħdin jaħarbu mill-gwerra u mill-vjolenza, jiġu rispettati konformement mal-valuri Ewropej u mal-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;
- U. billi l-ekonomija dinjija ilha għaddejja minn kriżi li seta' kellha impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem, speċjalment id-drittijiet ekonomiċi u soċjali, fuq il-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-persuni (żidiet fil-qgħad u fil-faqar, inugwaljanza u impjiegi prekarji u servizzi ta' kwalità aktar baxxa u aċċess limitat għalihom), u għaldaqstant anki fuq il-benesseri tal-persuni;
- V. billi fuq il-bażi tal-valuri universali u indiviżibbli, il-libertajiet tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin għandhom isiru parti mill-prijoritajiet tal-UE u s-sostenn favurihom għandu jkun inkundizzjonat; billi dawn id-drittijiet għadhom, fil-biċċa l-kbira tagħhom, mheddin, inkwantu żdied konsiderevolment l-għadd ta' ksur relatat;
- W. billi l-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt għadha waħda mill-prijoritajiet tal-UE fil-politika esterna tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; billi f'Ġunju 2016, is-sitt Kungress Dinji kontra l-Piena tal-Mewt se jsir f'Oslo, in-Norveġja;
- X. billi t-tfal, in-nisa u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi jħabbtu wiċċhom ma' theddid, atti ta' vjolenza u vjolenza sesswali dejjem akbar u speċifiċi, l-aktar fiż-żoni tal-gwerra;
- Y. billi l-Premju Sakharov tal-2014 ingħata lid-Dott. Denis Mukwege għall-isforzi bla heda tiegħu, bħala tabib u difensur tad-drittijiet tal-bniedem, fisem il-vittmi tal-vjolenza sesswali u tal-mutilazzjoni ġenitali; billi l-mutilazzjoni ġenitali femminili tikkostitwixxi ksur fundamentali tad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal u billi huwa assolutament neċessarju li l-isforzi għall-ġlieda kontra l-mutilazzjoni ġenitali u l-vjolenza sesswali jingħataw rwol ċentrali fil-politika esterna u dik fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE;
- Z. billi skont stimi, fl-2014, 230 miljun tifel u tifla li attwalment qegħdin jgħixu f'pajjiżi u nħawi milquta mill-kunflitt armati huma esposti għal vjolenza estrema u trawmi, jiġu reklutati bil-forza jew ikunu deliberatament fil-bersall tal-gruppi vjolenti;

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

AA. billi l-Artikolu 25 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tirrikonoxxi d-dritt ta' kulħadd għal "livell ta' ħajja suffiċjenti biex jiżguralu saħtu, għajxien tajjeb għalih u għall-familja tiegħu", li fiha l-maternità u t-tfulija jkollhom dritt għal attenzjoni u assistenza speċjali, u li tinkludi kura medika; billi r-riżoluzzjoni 26/28 tal-UNHRC ⁽¹⁾ titlob li l-laqqha li jmiss tal-Forum Soċjali tal-UNHRC jiffoka fuq l-aċċess għall-mediċini fil-kuntest tad-dritt li kulħadd igawdi l-ogħla livell possibbli ta' saħħa fiżika u mentali; billi l-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinija tas-Saħħa (WHO) tgħid li t-tgawdija tal-ogħla standard ta' saħħa possibbli huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali ta' kull bniedem mingħajr ebda distinzjoni ta' razza, reliġjon, twemmin politiku, u kundizzjoni ekonomika jew soċjali;

AB. billi t-tibdil fil-klima għandu impatt fuq l-aċċess għall-ilma, għar-riżorsi naturali u għall-ikel;

AC. billi l-qerda intenzjonata u sistematika min-naħa tal-organizzazzjonijiet terroristiċi u tal-gruppi belligeranti ta' siti arkeoloġiċi ta' valur li jiffurmaw parti mill-patrimonju dinji hija maħsuba biex tiddestabbilizza l-popolazzjonijiet u ċaħħadhom mill-identità kulturali tagħhom, u ma għandhiex titqies biss delitt tal-gwerra iżda anki delitt kontra l-umanità;

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. Jesprimi tħassib kbir għall-fatt li d-drittijiet tal-bniedem u l-valuri demokratiċi, bħal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon kif ukoll il-libertà tal-għaqda u tal-assoċjazzjoni, huma dejjem aktar mhedda f'hafta partijiet tad-dinja, anki taħt reġimi awtoritarji; jesprimi wkoll it-tħassib kbir tiegħu għall-fatt li l-ispazju pubbliku għas-soċjetà ċivili qiegħed jiċkien u għadd dejjem ikbar ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jinsab taħt attakk flivell dinji;

2. Jitlob li l-UE u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex iqiegħdu b'mod effikaċi lid-drittijiet tal-bniedem u lill-valuri demokratiċi fil-qalba tar-relazzjonijiet tagħhom mal-bqija tad-dinja, kif impenjaw ruħhom li jagħmlu fit-TUE; josserva li l-UE għandha tirrikorri għal miżuri xierqa hija u tittratta l-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi, partikolarment fil-każ ta' reġimi awtoritarji, anki permezz tar-relazzjonijiet fil-qasm tal-kummerċ, tal-enerġija jew tas-sigurtà;

3. Itenni l-importanza kruċjali li tiġi żgurata żieda fil-koerenza bejn il-politika interna u esterna tal-UE fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-valuri demokratiċi; jenfasizza f'dan il-kuntest li, waqt li dan ir-rapport jittratta l-politika esterna tal-UE biex isir progress fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, il-Parlament jadotta wkoll rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea, li jiġi abbozzat mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern; jisħaq ukoll fuq l-importanza ta' aktar konsistenza, ta' koerenza u li jiġi evitat ir-rikors għal kriterji differenti fil-politiki esterni u fl-istrumenti kollha tal-UE;

4. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jindirizzaw b'mod effikaċi l-isfidi interni tad-drittijiet tal-bniedem, bħas-sitwazzjoni tar-Rom, it-trattament tar-rifuġjati u tal-migranti, id-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTI, ir-razziżmu, il-vjolenza kontra n-nisa, il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u l-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni fl-Istati Membri, sabiex tinżamm il-kredibilità u l-konsistenza fil-politika esterna tad-drittijiet tal-bniedem;

5. Jinsisti fuq l-importanza tal-garanzija tal-koerenza tal-politika tal-UE fil-konfront tas-sitwazzjonijiet ta' okkupazzjoni jew annessjoni tat-territorju; ifakkar li d-dritt internazzjonali umanitarju għandu jiddiriġi lill-politika tal-UE lejn dawn is-sitwazzjonijiet kollha msemmija;

6. Jesprimi l-oppożizzjoni soda għall-annessjoni, għall-okkupazzjoni u għall-kolonizzazzjoni ta' territorji u jinsisti fuq id-dritt inaljenabbli tal-popli għall-awtodeterminazzjoni;

⁽¹⁾ <http://daccess-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/GEN/G14/086/06/PDF/G1408606.pdf?OpenElement>

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

7. Iqis li, sabiex josservaw l-impenn tagħhom li jsir progress fir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fid-dinja kollha, jeħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jikkellmu b'vuċi konsistenti u waħda u jiżguraw li l-messaġġ tagħhom jinstema;
8. Jenfasizza, barra dan, l-importanza tal-kooperazzjoni msaħħa bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill, is-SEAE, il-Parlament u d-Delegazzjonijiet tal-UE biex tittejjeb il-koerenza ġenerali tal-politika tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija u ċ-ċentralità tagħha fost il-politiki kollha tal-UE b'dimensjoni esterna, partikolarment fl-oqsma marbuta mal-iżvilupp, is-sigurtà, l-impjiegi, il-migrazzjoni, il-kummerċ u t-teknoloġija;
9. Jitlob lill-UE ttejjeb u trendi sistematika l-portata sħiħa tal-impatt tal-politiki tagħha fuq id-drittijiet tal-bniedem u tiggarrantixxi li dawn l-analiżijiet jikkontribwixxu biex jirriformlaw il-politiki tagħhom; jitlob lill-UE tiżviluppa mekkaniżmi aktar effiċjenti biex timmassimizza l-impatti pożittivi tal-politiki tagħha fuq id-drittijiet tal-bniedem u tipprevjeni u ttaffi l-impatti negattivi, kif ukoll issaħħa l-aċċess għal rimedji għall-popolazzjonijiet milquta;
10. Jiġbed l-attenzjoni għall-impenn fit-tul tiegħu li jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u jsir progress fil-valuri demokratiċi, kif rifless, fost oħrajn, fl-ġoti annwali tal-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb, fix-xogħol tas-Sottokomitat għad-Drittijiet tal-Bniedem u fid-dibattiti plenarji u r-riżoluzzjonijiet ta' kull xahar dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;
11. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu għall-qerda u għas-sakkeġġ intenzjonati u sistematiki ta' siti arkeoloġiċi ta' valur li jiffurmaw parti mill-patrimonju dinji maħsuba biex jiddestabbilizzaw il-popolazzjonijiet u jimminaw l-identità kulturali tagħhom min-naħa tal-organizzazzjonijiet terroristiċi u tal-gruppi belligeranti li jiffinanzjaw l-attivitajiet vjolenti tagħhom permezz tal-kummerċ illegali tal-patrimonju artistiku misruq; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni man-NU u mal-UNESCO, tiġġield lill-kummerċ illegali ta' teżori artistiki li ġejjin miż-żoni ta' kunflitt u tieħu inizjattivi għall-protezzjoni tal-patrimonju kulturali fiż-żoni ta' kunflitt; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-qerda intenzjonali tal-patrimonju tal-umanità bħala delitt kontra l-umanità u bħala tali tadotta l-provvedimenti ġuridiċi neċessarji;

Strumenti politiċi tal-UE biex jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja kollha

Rapport annwali tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja

12. Jilqa' pożittivament l-adozzjoni tar-Rapport annwali tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja fl-2014; iqis li r-Rapport annwali jikkostitwixxi għodda indispensabbli għall-iskrutinju, il-komunikazzjoni u d-dibattitu rigward il-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fid-dinja; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jiżguraw li jingħata segwitu komprensiv lill-kwistjonijiet imqajma fir-Rapport annwali, fosthom il-proposti speċifiċi fformulati biex jirriżolvu dawn il-problemi, kif ukoll aktar koerenza tad-diversi rapporti dwar il-politika esterna tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija;
13. Itenni l-istedina tiegħu lill-VP/RGħ biex tiddiskuti mal-Membri tal-Parlament Ewropew f'żewġ seduti plenarji kull sena, waħda meta jiġi ppreżentat ir-Rapport annwali tal-UE, u l-oħra bħala reazzjoni għar-rapport tal-Parlament; jissottolinja li t-tweġibiet bil-miktub tal-Kummissjoni u tas-SEAE għar-riżoluzzjoni tal-Parlament dwar ir-Rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija jiżvolġu rwol importanti fir-relazzjonijiet interistituzzjonali, billi jippermettu segwitu sistematiku u approfondit tal-punti kollha mqajma mill-Parlament;
14. Ifaħħar lis-SEAE u lill-Kummissjoni għar-rapportar eżawrjenti tagħhom dwar l-attivitajiet imwettqa mill-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fl-2014; iqis, madankollu, li l-format attwali tar-Rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija jista' jtejjeb billi tiġi offruta deskrizzjoni ġenerali aħjar tal-impatt konkret tal-azzjonijiet tal-UE fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-pajjiżi terzi, tal-progress li jkun sar kif ukoll b'format li jinqara b'aktar faċilità; jappella, barra minn hekk, għal rapporti dwar l-azzjonijiet meħuda bħala reazzjoni għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

15. Jirrakkomanda f'dan ir-rigward li s-SEAE jadotta approċċ aktar analitiku fl-abbozzar tar-Rapport annwali, waqt li jkompli jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku tal-UE u tal-Pjan ta' Azzjoni; iqis li r-Rapport annwali m'għandux biss jenfasizza r-riżultati miksuba mill-UE u l-aħjar Prattiki fil-qasam, iżda wkoll jindika liema sfidi u limitazzjonijiet tiltaqa' magħhom l-UE fl-isforzi tagħha biex tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-pajjiżi terzi, u liema lezzjonijiet jistgħu jittieħdu għal azzjoni konkreta fis-snin li ġejjin;

16. Isostni l-opinjoni tiegħu li r-rapporti tal-pajjiżi ppreżentati fir-Rapport annwali għandhom ikunu inqas deskrittivi u inqas statiċi, u minflok għandhom jirriflettu aħjar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-pajjiżi dwar id-drittijiet tal-bniedem u jagħtu deskrizzjoni ġenerali tal-impatt tal-azzjoni tal-UE fil-prattika;

Qafas Strateġiku tal-UE u Pjan ta' Azzjoni (ġdid) dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija

17. Itenni l-opinjoni tiegħu li l-adozzjoni tal-Qafas Strateġiku tal-UE u tal-Ewwel Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fl-2012 ikkostitwiet kisba ewlenija għall-UE fl-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija mingħajr eċċezzjoni, fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja;

18. Jilqa' pożittivament l-adozzjoni mill-Kunsill f'Lulju 2015 ta' Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija għall-2015-2019; ifaħħar lis-SEAE talli kkonsulta lill-Kummissjoni, lill-Parlament, lill-Istati Membri, lis-soċjetà ċivili u lill-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali waqt l-evalwazzjoni tal-ewwel Pjan ta' Azzjoni u l-abbozzar tal-pjan il-ġdid;

19. Jilqa' favorevolment it-tiġdid tal-impenn tal-UE li tippromwovi u ttiproteġi d-drittijiet tal-bniedem u li tappoġġa d-demokrazija fid-dinja kollha; jinnota li l-Pjan ta' Azzjoni għandu l-għan li jippermetti lill-UE tadotta approċċ aktar iffukat, sistematiku u kkoordinat fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija, kif ukoll li ssaħħa l-impatt tal-politika u l-għodod tagħha fil-prattika; jappoġġa, f'dan ir-rigward, il-prijoritizzazzjoni ta' ħames oqsma ta' azzjoni strateġiċi;

20. Jistieden lill-VP/RGħ, lis-SEAE, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jiżguraw implimentazzjoni effiċjenti u koerenti tal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid; jiġbed l-attenzjoni, b'mod partikolari, għall-importanza li tiżdied l-effikaċja u jiġi massimizzat l-impatt lokali tal-għodod użati mill-UE biex jiġi promoss ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fid-dinja; jevidenzja l-bżonn li tiġi żgurata reazzjoni rapida u xierqa għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; itenni l-importanza li jiġu intensifikati l-isforzi biex id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija jiġu integrati fl-azzjoni esterna kollha tal-UE, inkluż fl-livell politiku għoli;

21. Jenfasizza li sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ambizzjużi stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid, l-UE għandha talloka r-riżorsi u l-kompetenzi suffiċjenti, kemm f'termini ta' riżorsi umani speċifiċi fi ħdan id-delegazzjonijiet u s-sede ċentrali, kif ukoll f'termini ta' fondi disponibbli għall-proġetti;

22. Itenni l-opinjoni tiegħu li huma meħtieġa kunsens solidu u titjib fil-koordinament bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE sabiex isir progress b'mod konsistenti u koerenti fl-aġenda tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; itenni li l-Pjan ta' Azzjoni jirrigwarda kemm lill-UE kif ukoll lill-Istati Membri; jenfasizza bil-qawwa, għalhekk, li l-Istati Membri għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jassumu sjieda akbar tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni u tal-Qafas Strateġiku tal-UE u jużawhom bħala mudell li fuqu jibbażaw il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija b'mod bilaterali u multilaterali; jieħu nota b'sodisfazzjon tal-evalwazzjoni intermedja prevista tal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid u jevidenzja l-importanza tal-konsultazzjonijiet inklużivi biex jirriflettu b'mod konsistenti r-riżultati miksuba fl-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

23. Iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Kunsill Affarijiet Barranin jiddiskuti b'mod regolari suġġetti fil-qasam tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem; itenni l-appell tiegħu lill-Kunsill Affarijiet Barranin biex jorganizza dibattitu pubbliku annwali dwar l-azzjoni tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija;

24. Ifaħħar lis-SEAE u lill-Kummissjoni għar-rapportar tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-ewwel Pjan ta' Azzjoni u jistenna li dan ir-rapportar jitkompla fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid; ifakkar, barra dan, fid-determinazzjoni tiegħu li jkun assoċjat mill-qrib mal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid u li jiġi kkonsultat dwarha;

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

25. Jitlob lill-VP/RGħ, f'koordinament mal-Kummissarji l-oħra kollha, tabbozza programm li jintegra d-drittijiet tal-bniedem f'attivitajiet varji tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tal-iżvilupp, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-impjiegi, il-protezzjoni tad-data fuq l-internet, il-kummerċ, l-investment, it-teknoloġija u n-negozju;

Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti politiċi l-oħra tal-UE

Mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem

26. Ifakkar fl-importanza tal-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem biex itejjeb il-viżibiltà u l-effikaċja tal-UE biex tippoteġi u tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi fid-dinja kollha; ifaħħar lid-detentur attwali tal-mandat għall-kisbiet sinifikanti tiegħu u talli involva ruħu fi skambji regolari mal-Parlament u mas-soċjetà ċivili;

27. Jilqa' pożittivament il-proroga tal-mandat tar-RSUE sa Frar 2017 u jtenni t-talba tiegħu sabiex dan il-mandat isir wieħed permanenti; jappella, għaldaqstant, għar-reviżjoni tal-mandat biex ir-RSUE jingħata l-poteri ta' inizjattiva proprja, riżorsi umani u finanzjarji adegwati u l-kapaċità li jesprimi ruħu pubblikament, jirrapporta fuq ir-riżultati taż-żjarat fil-pajjiżi terzi u jikkomunika l-pożizzjoni tal-UE dwar il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, bil-għan li jissaħħa ir-rwol tar-RSUE billi titjieb il-viżibiltà u l-effikaċja tiegħu;

28. Itenni l-appell tiegħu sabiex il-Kunsill jistabbilixxi fil-mandat tar-RSUE ġeografiċi r-rekwiżit li jikkollaboraw mill-qrib mar-RSUE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Strateġiji nazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u r-rwol tad-delegazzjonijiet tal-UE

29. Jinnota li 132 strateġija nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem ġew approvati mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, wara sforzi f'kollaborazzjoni bejn id-delegazzjonijiet tal-UE, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri; itenni l-appoġġ tiegħu għall-oġettiv tal-istrateġiji nazzjonali tal-pajjiżi dwar id-drittijiet tal-bniedem, li huwa li l-azzjoni tal-UE f'kull pajjiż titfassal speċifikament skont is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tiegħu; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' valutazzjoni kontinwa tal-istrateġiji nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tal-adegwament tagħha jekk ikun il-każ, u jappella għal aktar titjib fil-kooperazzjoni, fil-komunikazzjoni u fl-iskambju ta' informazzjoni bejn id-delegazzjonijiet tal-UE, l-ambaxxati tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-pajjiżi dwar id-drittijiet tal-bniedem.

30. Itenni l-appell tiegħu sabiex il-Membri tal-Parlament Ewropew ikollhom aċċess għall-kontenut tal-istrateġiji, f'format adegwat, sabiex jaqdu dmirijietom b'mod xieraq u trasparenti; jirrakkomanda li s-SEAE u l-Kummissjoni jikkomunikaw esternament l-oġettiv ta' kull strateġija ħalli jżidu t-trasparenza tal-istrateġiji tal-pajjiżi dwar id-drittijiet tal-bniedem; jinsisti li s-SEAE jinkludi indikaturi tal-progress ċari u li jistgħu jitkejlu għal kull strateġija individwali;

31. Jenfasizza bil-qawwi l-importanza li jitqiesu l-istrateġiji tal-pajjiżi dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-livelli kollha tat-tfassil tal-politiki fir-rigward tal-pajjiżi terzi individwali, inkluż waqt it-thejjja ta' djalogi politiċi ta' livell għoli, djalogi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, dokumenti ta' strateġija tal-pajjiżi u programmi ta' azzjoni annwali;

32. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deżinjazzjoni ta' punti fokali tad-drittijiet tal-bniedem u/jew tal-ġeneru mid-delegazzjonijiet kollha u mill-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK); jinnota, madankollu, li f'bosta każi, l-informazzjoni disponibbli pubblikament online mhijiex aġġornata, u jitlob, għaldaqstant, biex tiġi riveduta malajr;

33. Ifakkar ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-VP/RGħ u lis-SEAE biex jiżviluppaw linji gwida operattivi ċari dwar ir-rwol tal-punti fokali fid-delegazzjonijiet, sabiex jingħataw is-setgħa jaġixxu bħala konsulenti veri u proprji dwar id-drittijiet tal-bniedem u jkun jistgħu jwettqu xogħolhom b'koerenza u inklużjoni, bil-għan li ħidmet id-delegazzjonijiet tkun ottimizzata; jemmen li x-xogħol tal-punti fokali dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu jiġi appoġġat bl-istess mod mill-persunal diplomatiku tal-Istati Membri; huwa tal-fehma li x-xogħol tal-punti fokali dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu jkun totalment indipendenti u ħieles minn indhili politiku u minn vessazzjonijiet min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali tal-pajjiżi terzi, speċjalment fil-kuntatti tagħhom mal-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u mas-soċjetà ċivili;

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015*Djalogi u konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem*

34. Jirrikonoxxi li d-djalogi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi terzi jistgħu jkunu għodda effiċjenti għall-involvement bilaterali u għall-kooperazzjoni fil-promozzjoni u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, dment li ma jikkostitwixxux fini fih innifsu, iżda mezz biex jiggarantixxi impenji u riżultati speċifiċi tal-kontroparti; jilqa' pożittivament u jinkoraġġixxi, għaldaqstant, l-istabbiliment ta' djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' għadd dejjem jiżdied ta' pajjiżi, bħall-Myanmar/Burma; jieħu nota favorevoli f'dan il-kuntest, pereżempju, tas-sitt ċiklu ta' djalogu UE-Moldova dwar id-drittijiet tal-bniedem;

35. Ihegġegħ lill-VP/RGħ u lis-SEAE jwettqu d-djalogi tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem u s-seminars korrispondenti tas-soċjetà ċivili b'enfasi ċara u orjentata lejn il-kisba ta' riżultati li tirrifletti l-istrategġiji tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem; ihegġegħ lis-SEAE jinkludi b'mod konsistenti djalogu preparatorju mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li b'mod awtomatiku għandu jalimenta lid-djalogu veru u propriu; jinsisti wkoll li l-VP/RGħ, ir-RSUE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u s-SEAE jqajmu sistematikament il-każi individwali tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'riskju jew fil-ħabs, tal-priġunieri politiċi u tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem b'mod responsabbli u trasparenti matul id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem; iqis li huwa essenzjali li s-SEAE b'mod sistematiku jiżgura li l-impenji kollha meħuda waqt kull djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem jiġu onorati;

36. Itenni l-appell tiegħu lis-SEAE biex jiżviluppa mekkaniżmu komprensiv għall-monitoraġġ u għar-rieżami tal-funzjonament tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u mal-organizzazzjonijiet li jieħdu ħsieb id-drittijiet tal-bniedem, bil-għan li jittejjeb l-impatt tagħhom; jemmen li jekk dawn id-djalogi jfallu b'mod persistenti, għandhom jiġu elaborati konklużjonijiet politiċi u jintużaw għodod alternattivi għall-appoġġ tal-progress tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż ikkonċernat; josserva, f'dan ir-rigward, li d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mar-Russja ġie sospiż fl-2014, u josserva wkoll in-nuqqas ta' riżultati tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem maċ-Ċina u mal-Belarusja; ihegġegħ, għaldaqstant, li s-SEAE jikkunsidra mill-ġdid b'mod profund l-istrategġija tiegħu fir-rigward tar-Russja u taċ-Ċina;

37. Jappella lill-UE u lid-delegazzjonijiet tagħha jżidu d-djalogu politiku tagħhom mal-gvernijiet li ma jirrispettawx id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, flimkien mas-soċjetà ċivili, u jinsisti li d-djalogu politiku dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-pajjiżi terzi jehtiegħ li jinkludi definizzjoni aktar inklużiva u komprensiva tan-nondiskriminazzjoni, fost oħrajn għal dak li jikkonċerna l-persuni LGBTI u r-reliġjon jew it-twelmin, is-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, l-età, id-diżabbiltà u l-orjentament sesswali; jissottolinja li, partikolarment f'pajjiżi b'riżultati batuti kemm fl-iżvilupp kif ukoll fir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-għajnuna għall-iżvilupp għandha tinżamm u anki tissaħħaħ, iżda preferibbilment tingħata permezz tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tas-sħab lokali mhux governattivi, u għandha tkun immonitorjata sistematikament u akkumpanjata minn impenji governattivi għal titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-post;

38. Jirrikonoxxi l-importanza tal-miżuri addizzjonali kontra l-individwi (sanzjonijiet immirati bħall-iffriżar tal-assi jew il-projbizzjoni tal-ivvjaġġar) fir-relazzjonijiet mar-reġimi awtoritarji f'każ li d-djalogi jfallu b'mod persistenti;

Linji gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem

39. Jilqa' favorevolment l-adozzjoni tal-Kunsill f'Mejju 2014 tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline; ifakkar, madankollu, fit-talba tiegħu lis-SEAE biex jiċċara l-proċess tas-selezzjoni tas-suġġetti koperti mil-Linji Gwida tal-UE u jikkonsulta wkoll lill-Parlament u lis-soċjetà ċivili dwar din il-kwistjoni qabel ma jintgħažzu s-suġġetti;

40. Itenni l-appell tiegħu lill-VP/RGħ u lis-SEAE biex jimplimentaw, b'mod effikaċi u konsistenti, il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Dritt Umanitarju Internazzjonali⁽¹⁾, anki fir-rigward tal-kunflitti u tal-kriżijiet umanitarji fil-pajjiżi bħas-Sirja, l-Iraq, il-Libja u l-Ukrajna; jirrakkomanda, f'dan il-kuntest, li s-SEAE jappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwov u r-rispett tad-dritt umanitarju internazzjonali min-naħa tal-atturi Statali u mhux Statali; ihegġegħ, barra dan, li l-UE tuża b'mod attiv l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex ittejjeb il-konformità tal-atturi Statali u mhux Statali mad-dritt umanitarju internazzjonali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkontribwixxu fl-inizjattiva ta' bħalissa tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tal-Iżvizzera dwar it-tisħiħ tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali;

⁽¹⁾ https://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/hr/news53.pdf

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

41. Jissottolinja enerġikament l-importanza ta' valutazzjoni sistematika tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, inkluża l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, bl-użu ta' parametri ta' riferiment definiti sewwa; iqis li, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-Linji Gwida, għandhom jittieħdu aktar miżuri mmirati biex iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-kontenut tagħhom fost il-persunal tas-SEAE u tad-delegazzjonijiet tal-UE kif ukoll ir-rappreżentanzi tal-Istati Membri barra l-pajjiż; itenni l-appell tiegħu biex l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-drittijiet tal-bniedem ikunu aktar involuti fis-selezzjoni, fl-iżvilupp, fl-evalwazzjoni u fir-rieżami tal-Linji Gwida;

Drittijiet tal-bniedem u demokrazija permezz tal-istrumenti u l-politiki esterni tal-UE

42. Ifakkar li l-UE impenjat ruħha li tqiegħed id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-qalba tar-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi terzi; jenfasizza, għaldaqstant, li l-progress fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi jeħtieġ li jiġi appoġġat permezz tal-politiki kollha tal-UE u ta' strumenti finanzjarji xierqa b'dimensjoni esterna, bħall-politika tat-tkabbir u tal-viċinat, il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u l-politiki fil-qasam tal-iżvilupp, tal-migrazzjoni, tal-kummerċ, tal-ġustizzja u l-intern; jevidenzja, f'dan il-kuntest, l-isforzi reċenti tal-UE biex tinkludi lill-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-matriċi ta' twissija bikrija tagħha marbuta mal-prevenzjoni tal-kriżijiet;

43. Jissottolinja l-obbligu tal-UE fuq il-bażi tat-trattat biex tiggarantixxi li l-politiki u l-attivitajiet esterni kollha tagħha jkunu maħsuba u implimentati b'tali mod li jikkonsolida u jsostni d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

44. Iqis l-istrumenti finanzjarji esterni tal-UE bħala għodda importanti għall-promozzjoni u għad-difiża tal-valuri tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi; itenni l-appell tiegħu favur titjib fil-koerenza tad-diversi strumenti tematiċi u ġeografiċi;

45. Jinnota l-isforzi tal-Kummissjoni biex tonora l-impenn tagħha li tinkludi dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha għal proposti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, miżuri ta' implimentazzjoni u ftehimiet kummerċjali; ihegġegħ lill-Kummissjoni ttejjeb il-kwalità, il-komprensività u s-segwitu tal-valutazzjonijiet tal-impatt u biex tiżgura l-inkorporazzjoni sistematika tal-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem; jevidenzja r-rwol li s-soċjetà ċivili tista' tiżvolġi f'dan il-proċess;

It-tkabbir u l-politika tal-viċinat

46. Ifakkar li l-politika ta' tkabbir tal-UE tikkostitwixxi waħda mill-għodod l-aktar b'saħħithom għat-tisħiħ tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi; jinnota li l-proċess tat-tkabbir se jtkompla minkejja l-fatt li ma jistax isir tkabbir sal-2019 minħabba l-istat tan-negozjati u s-sitwazzjoni fil-pajjiżi kkonċernati, u jilqa' b'sodisfazzjon l-implimentazzjoni tal-approċċ il-ġdid fin-negozjati ta' adeżjoni tal-kapitoli li jirrigwardaw il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali, u l-libertà, u s-sigurtà, li jikkunsidra kif xieraq iż-żmien meħtieġ biex ir-riformi kkonċernati jiġu implimentati korrettament;

47. Jesprimi t-tħassib tiegħu minħabba d-deterjorament tal-libertà tal-espressjoni u tal-mezzi tal-komunikazzjoni f'ċerti pajjiżi tat-tkabbir u f'għadd ta' pajjiżi tal-viċinat Ewropew; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tittejjeb l-indipendenza u t-trasparenza tas-sjieda tal-mezzi tal-komunikazzjoni f'dawn il-pajjiżi u jiġu indirizzati l-pressjonijiet politiċi u ekonomiċi fuq il-ġurnalisti, li ta' spiss iwasslu għal ċensura u awtoċensura; jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja u tipprijorizza r-rispett tal-libertà tal-espressjoni u tal-mezzi tal-komunikazzjoni fil-proċess tan-negozjati ta' adeżjoni;

48. Jiddeplora l-fatt li l-implimentazzjoni korretta tal-oqfsa ġuridiċi għall-protezzjoni tal-minoranzi għadha tikkostitwixxi sfida, kif iddikjarat fl-Istrateġija ta' Tkabbir tal-Kummissjoni għall-2014-2015⁽¹⁾; jistieden lill-pajjiżi tat-tkabbir jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex joħlqu kultura ta' aċċettazzjoni tal-minoranzi permezz tat-titjib tal-involviment tagħhom fil-proċessi deċiżjonali u tal-inklużjoni tagħhom fis-sistema edukattiva, b'attenzjoni speċjali fuq it-tfal Rom; ihegġegħ lill-UE ssegwi mill-viċin l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi u l-għieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, inklużi r-reati ta' mibegħda fuq il-bażi tal-orjentament sesswali, matul il-proċess ta' tkabbir kollu kemm hu;

49. Jinnota bi tħassib id-deterjorament tal-kulturi politiċi demokratiċi fxi pajjiżi kandidati u daww kandidati potenzjali kif ukoll f'għadd ta' pajjiżi tal-viċinat Ewropew; ifakkar li l-governanza tajba, ir-rispett tal-istat tad-dritt, il-libertà tal-opinjoni u d-drittijiet tal-bniedem, id-djalogu politiku, l-ilħuq tal-kompromess u l-inklużjoni tal-partijiet interessati kollha fil-proċess deċiżjonali huma fil-qalba tar-reġimi demokratiċi; jinnota bl-istess livell ta' tħassib il-progress skars magħmul mill-pajjiżi tat-tkabbir fit-titjib tal-indipendenza tal-ġudikatura u fil-għieda kontra l-korruzzjoni; jingħaqad mal-Kummissjoni biex ihegġegħ lill-pajjiżi tat-tkabbir jibnu esperjenzi kredibbli ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni definittivi;

⁽¹⁾ http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/key_documents/2014/20141008-strategy-paper_mt.pdf

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

50. Ifakkar, fil-kuntest tar-rieżami li għaddej tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li t-TUE jipprevedi li l-UE għandha tiżviluppa relazzjoni speċjali mal-pajjiżi tal-viċinat abbażi tal-valuri tal-UE, li jinkludu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija ⁽¹⁾; ifakkar ukoll li, b'segwitu għar-Rebbiegħa Għarbija tal-2011, li l-UE reġgħet iddefiniet il-politika tagħha fil-konfront tal-viċinat fuq il-bażi tal-prinċipju "aktar għal aktar", intiż li jsaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-progress tad-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja l-fatt li minħabba l-isfidi notevoli li l-viċinat tal-UE ħabbat wiċċu magħhom f'dawn l-aħħar ftit snin, bħat-tifrix tal-instabilità u tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq, bl-estremisti u l-gruppi għihadisti jisfruttaw dawn is-sitwazzjonijiet, kif ukoll it-tbatija umana kkawżata mill-azzjonijiet tar-Russja, intlaqat b'mod sinifikanti r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi;

51. Jesprimi, għaldaqstant, il-konvinzjoni tiegħu li l-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta għandu jkompli jkollha l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi fil-qalba tagħha; itenni li kemm il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll tad-demokrazija huma fl-interess tal-pajjiżi sħab kif ukoll tal-UE;

52. Jenfasizza li l-UE għandha tkompli ssostni b'mod attiv l-istituzzjonijiet demokratiċi u effikaċi li jieħdu ħsieb id-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetà ċivili u l-mezzi tal-komunikazzjoni liberi fil-pajjiżi ġirien; josserva pożittivament f'dan il-kuntest is-sostenn sostanzjali kontinwu fl-ambitu tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Faċilità għas-Soċjetà Ċivili; jilqa' pożittivament ukoll l-impenn kontinwu u effiċjenti tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar favur il-promozzjoni tad-demokrazija u r-rispett tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali, kif iddikjara l-Parlament fl-ewwel rapport ta' evalwazzjoni tiegħu dwar il-Fond Ewropew għad-Demokrazija ⁽²⁾; jinkoraġġixxi bis-saħħa lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu joffru inċentivi b'saħħithom u kompetenzi mill-proċess ta' tranżizzjoni tagħhom bħala sostenn għall-proċess ta' riforma demokratika fil-viċinat tal-UE;

53. Isostni li huwa assolutament essenzjali li tintemm l-aggressjoni Russa fl-Ukrajna u jiġu żgurati l-istabilità u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;

Drittijiet tal-bniedem permezz tal-kummerċ

54. Itenni s-sostenn tiegħu favur l-introduzzjoni sistematika tal-klawsoli relatati mad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali kollha bejn l-UE u l-pajjiżi terzi, filwaqt li jittieħed kont, fost ħwejjeġ oħra, tad-dialogu soċjali Ewropew u l-istandards tax-xogħol tal-ILO; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tivvaluta b'mod effikaċi u sistematiku l-implimentazzjoni tal-klawsoli relatati mad-drittijiet tal-bniedem u tirrapporta regolarment lill-Parlament dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tal-pajjiżi sħab; jilqa' pożittivament l-użu aktar sistematiku min-naħa tal-Kunsill tal-miżuri ristrettivi fil-konfront tal-pajjiżi terzi li qegħdin jiksru intenzjonalment id-drittijiet tal-bniedem; jirrakkomanda, f'dan ir-rigward li, kull meta jkun kommissur gravi tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi li miegħu jkun għe konkluż ftehim, l-UE tiegħu provvedimenti aktar konkreti biex twettaq miżuri xierqa kif stabbilit fil-klawsoli relatati mad-drittijiet tal-bniedem;

55. Jilqa' favorevolment id-dħul fis-seħħ tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SGP) l-għdida (Regolament (UE) Nru 978/2012 fl-1 ta' Jannar 2014; josserva pożittivament li, sa tmiem l-2014, 14-il pajjiż għew konċessi preferenzi SGP+ u jfakkar li l-pajjiżi huma meħtieġa jikkonservaw ir-ratifika tas-27 konvenzjoni internazzjonali ewlenija, kif ukoll jimmonitorjaw l-implimentazzjoni effikaċi tagħhom, konformement mal-kriterji stabbiliti minn dawn il-konvenzjonijiet kif ukoll mill-UE; huwa ħerqan li l-Kummissjoni tivvaluta l-affarijiet b'mod reali u trasparenti u tirrapporta lura lill-Parlament u l-Kunsill dwar l-istatus ta' ratifika u implimentazzjoni effikaċi tal-konvenzjonijiet mill-benefiċjarji tal-preferenzi SGP+ sal-aħħar tal-2015; itenni r-rakkomandazzjoni tiegħu li l-Istatut ta' Ruma jiżdied ma' lista futura ta' konvenzjonijiet;

Negożju u drittijiet tal-bniedem

56. Iqis li l-kummerċ u d-drittijiet tal-bniedem jistgħu jimxu id f'id u li l-komunità kummerċjali għandha rwol importanti x'tiżvolġi fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija; jemmen li l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għandha tinbena fuq il-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet u s-settur privat; jerġa' jafferma, f'dan il-kuntest, li l-kumpaniji Ewropej għandhom jieħu miżuri adegwati biex jiżguraw li l-operazzjonijiet tagħhom fil-pajjiżi terzi jirrispettaw l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem; jerġa' jafferma, barra dan, l-importanza li l-UE tippromwovi r-responsabilità soċjali korporattiva u li l-impriżi Ewropej jiżvolġu rwol ta' tmexxija fil-promozzjoni tal-istandards internazzjonali dwar in-negożju u d-drittijiet

⁽¹⁾ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2014:077:0027:0043:MT:PDF>

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0274.

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

tal-bniedem; jistieden, barra minn dan, lill-UE tieħu rwol attiv fil-21 sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar il-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-kumpaniji transnazzjonali u impriżi oħrajn, u tappoġġa l-isforzi intenzi biex jallinjaw il-politiki tagħhom mal-linji gwida tal-OECD għall-impriżi multinazzjonali; jirrakkomanda lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jippenjaw ruħhom fid-dibattitu dwar strument internazzjonali ġuridikament vinkolanti dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem fi ħdan is-sistema tan-NU;

57. Jemmen, fid-dawl ta' dak li ssemma hawn fuq, li s-SEAE għandu jesiġi li d-delegazzjonijiet tal-UE jinvolve ruħhom mal-kumpaniji tal-UE li joperaw fil-pajjiżi terzi sabiex jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-attivitàjiet tagħhom relatati man-negozju; ifakkar, barra minn hekk, it-talba tiegħu li d-delegazzjonijiet tal-UE jinkludu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-operazzjonijiet bħala prijorità fis-sejħiet lokali għal offerti fl-ambitu tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), u li d-delegazzjonijiet tal-UE jieħdu l-azzjonijiet kollha neċessarji għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, konformement mal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem;

58. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrapporta, sa tmiem l-2015, dwar l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet ⁽¹⁾ tal-Bniedem mill-Istati Membri tal-UE;

59. Jappella għal azzjoni Ewropea maqbula biex tindirizza l-problema tal-akkapparrament tal-art permezz tal-promozzjoni ta' salvagwardji adegwati għall-prevenzjoni ta' dan il-fenomeni fil-pajjiżi kkonċernati u fost il-kumpaniji tal-UE u l-kumpaniji Ewropej oħrajn preżenti f'dawk il-pajjiżi;

60. Jistieden lill-UE tiżviluppa proġett pilota dwar l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem, il-kwistjonijiet marbuta mal-art (akkapparrament tal-art u żgumbramenti furzati) u l-koerenza tal-politiki tal-UE f'dan ir-rigward; jistieden lill-UE tirrapporta dwar il-kunsiderazzjoni tagħha dwar l-ażżjoni għall-Protokoll Fakultattiv tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, konformement mal-impenn meħud fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019;

Id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp

61. Iqis li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi għandhom jimxu id f'id; ifakkar f'dan il-kontest li n-NU ddikjaraw li, fin-nuqqas ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-għanijiet tal-iżvilupp ma jistgħux jintlaħqu bis-siġħ; ifakkar ukoll li l-UE impenjat ruħha li tappoġġa lill-pajjiżi sħab, filwaqt li tqis is-sitwazzjoni tal-iżvilupp u l-progress tagħhom fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; ihegġegħ l-inklużjoni ta' oqfsa tar-riżultati definiti b'mod ċar fl-istrumenti kollha sabiex tkun żgurata l-inklużjoni tal-gruppi emarġinati u vulnerabbli u biex jiġi integrat ukoll approċċ bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem;

62. Jilqa' d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jħaddan id-drittijiet tal-bniedem kollha inklużi d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet, għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, li ġie ppubblikat f'April 2014 u ntlaqa' mill-Kunsill; ihegġegħ lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u tiżgura li d-drittijiet tal-bniedem u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-prattika jkunu jsaħħu lil xulxin; jistieden lill-Kummissjoni ttipprovi valutazzjoni trasparenti u pubblika tal-ġabra ta' għodda tal-UE b'rabta mal-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet; ihegġegħ lill-UE ssaħħaħ ir-rwol tagħha bħala promotur b'saħħtu tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja permezz tal-użu effikaċi, konsistenti u meqjus tal-istrumenti disponibbli kollha għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-difensuri tagħhom u l-effikaċja tal-politika tagħna dwar l-għajnuna għall-iżvilupp, f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 16 il-ġdid;

63. Jilqa' l-adozzjoni tal-Aġenda ambizzjuża għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-2030 matul is-summit speċjali tan-NU fi New York, kif ukoll ir-rwol ewlieni li kellha l-UE f'dan il-proċess, b'mod partikolari fir-rigward tal-inklużjoni tal-valuri fundamentali tal-UE bħad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba; jilqa' b'mod pożittiv il-fatt li l-aġenda l-ġdida hija stabbilita biċ-ċar fl-impenji fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u li s-17-il għan u l-169 għan tagħha jfittxu li jiksbu drittijiet tal-bniedem għal kulħadd; jikkondividi l-viżjoni li jirfed dan id-dokument, jiġifieri dinja ta' rispett universali tad-drittijiet u d-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll ir-rispett tar-razza, l-etniċità u d-diversità kulturali u l-opportunitajiet indaqs, li tippermetti li jintlaħaq bis-siġħ il-potenzjal tal-bniedem u tikkontribwixxi għal prosperità komuni; jenfasizza l-ħtieġa li jkun żgurat li l-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-2030,

⁽¹⁾ http://www.ohchr.org/Documents/Publications/GuidingPrinciplesBusinessHR_EN.pdf

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

il-miżuri ta' monitoraġġ tagħha u l-implimentazzjoni futura tagħha mill-partijiet interessati kollha, inklużi s-soċjetà ċivili u s-settur privat ikunu mirfuda minn approċċi bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll mill-għanijiet għall-qerda tal-faqar, it-tnaqqis fl-inugwaljanzi u l-esklużjoni soċjali u d-demokratizzazzjoni tal-ekonomija;

64. Jenfasizza l-importanza tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp biex tinkiseb l-aġenda l-għdida għall-iżvilupp sostenibbli; jindika li l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għandu jwassal għal fehim aktar profund tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, billi jekk ma jiġux indirizzati l-ostakli għall-kisba tad-drittijiet ma jista' jkun hemm l-ebda progress lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar;

65. Jafferma mill-għdid il-ħtieġa urġenti li jiġi indirizzat il-piż fil-livell dinji ta' mard relatat mal-faqar u li ġie traskurat; jappella għal strateġija politika fit-tul u ambizzjuża u pjan ta' azzjoni dwar is-saħħa fil-livell dinji, l-innovazzjoni u l-aċċess għall-mediċini, li jinkludi fost oħrajn l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, biex b'hekk jiġi salvagwardjat id-dritt għal standard ta' għajxien adegwat għas-saħħa u l-benesseri ta' kull bniedem, mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' razza, reliġjon, twemmin politiku, kundizzjoni ekonomika jew soċjali, l-identità tal-ġeneru jew l-orjentament sesswali;

66. Jenfasizza li l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tfisser impenn sabiex tinholq bażi ta' protezzjoni soċjali universali, kopertura tas-saħħa universali u servizzi pubbliċi essenzjali għal kulħadd, inklużi s-saħħa u l-edukazzjoni;

67. Jinnota b'mod pożittiv id-dokument ta' gwida dwar il-għieda kontra t-terroriżmu abbozzat mis-SEAE u mill-Kummissjoni u approvat mill-Kunsill li għandu l-għan jiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' għajnuna fil-għieda kontra t-terroriżmu ma' pajjiżi terzi; jitlob lis-SEAE u l-Kummissjoni jiżguraw implimentazzjoni effikaċi tad-dokument, l-ewwel nett billi dan jinxtered fuq bażi wiesgħa; ifakkar f'dan il-kuntest li r-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali jikkostitwixxi l-bażi għal politiki ta' suċċess kontra t-terroriżmu, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ta' sorveljanza diġitali; jappoġġa l-isforzi internazzjonali biex jitwaqqaf il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li qed isir mill-ISIS/Da'esh;

Id-drittijiet tal-popli indiġeni

68. Jistieden lis-SEAE, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw ir-rieżami tal-mandat tal-Mekkaniżmu Espert dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, skont id-Dokument ta' Eżitu tal-Konferenza Dinjija dwar il-Popli Indiġeni (Riżoluzzjoni 69/2 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU⁽¹⁾), bil-għan li jkun hemm monitoraġġ, valutazzjoni u titjib fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni; ihegġegħ lill-Istati Membri jitolbu lid-detenturi kollha tal-mandati ta' Proċedura Speċjali jagħtu attenzjoni speċjali lill-kwistjonijiet li jaffettwaw lin-nisa u l-bniet indiġeni, u jirrappurtaw kwistjonijiet bħal dawn b'mod sistematiku lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem; ihegġegħ lis-SEAE u lill-Istati Membri jappoġġaw b'mod attiv l-iżvilupp tal-pjan ta' azzjoni għas-sistema kollha dwar il-popli indiġeni, kif mitlub mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fir-riżoluzzjoni tagħha ta' Settembru 2014, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni tal-konsultazzjoni regolari tal-popli indiġeni bħala parti minn dak il-proċess; jiddispijaċih ħafna dwar il-fatt li f'xi żoni tal-Afrika tal-Punent lill-persuni li jbatu minn mard mentali jorbtu hom bil-ktajjen mas-siġar fil-foresti jew jabbandunawhom fit-toroq, u li dawn huma prattiki mifruxa approvati minn komunitajiet lokali;

L-azzjoni tal-UE dwar il-migrazzjoni u r-rifuġjati

69. Jesprimi tħassib kbir u solidarjetà fir-rigward tal-għadd kbir ta' rifuġjati u migranti li jsofru ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem bħala vittmi ta' kunflitti, persekuzzjoni, nuqqasijiet min-naħa tal-gvernijiet u networks ta' immigrazzjoni illegali, traffikar, dħul klandestin, gruppi estremisti u gruppi kriminali; jesprimi d-dispijaċir kbir tiegħu għat-telf traġiku ta' ħajjiet fost persuni li jkunu qed jippruvaw jilhqqu l-fruntieri tal-UE;

70. Jesprimi l-ħtieġa urġenti li jiġu ttrattati l-kawżi primarji tal-flussi migratorji u, għaldaqstant, li tiġi indirizzata d-dimensjoni esterna tal-kriżi tar-rifuġjati, inkluż billi jinstabu soluzzjonijiet sostenibbli għall-kunflitti fil-viċinat tagħna, jissawru kooperazzjoni u sħubijiet mal-pajjiżi terzi kkonċernati u permezz tal-politiki esterni tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ komprensiv ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-migrazzjoni, u jistieden lill-UE ssaħħaħ il-

⁽¹⁾ <http://wcip2014.org/wp-content/uploads/2013/03/N1446828.pdf>

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

kollaborazzjoni tagħha man-NU, inklużi l-aġenziji tagħha, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet reġjonali, il-gvernijiet u l-NGOs, biex jiġu indirizzati l-kawżi primarji tal-flussi migratorji u titjeb is-sitwazzjoni fil-kampijiet tar-rifuġjati li jinsabu ħdejn iż-żoni ta' kunflitt; itenni l-appell tiegħu lill-UE biex tiżgura li l-ftehimiet kollha dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u ta' riammissjoni ma' stati mhux tal-UE jkunu konformi mad-dritt internazzjonali; ifakkar li strateġija dinjija dwar il-migrazzjoni jkollha rabtiet mill-qrib mal-politiki tal-iżvilupp u daww umanitarji, inkluż billi jinfetħu kurituri umanitarji u jingħataw viżi umanitarji, kif ukoll ma' politiki esterni oħra; jinnota f'dan il-kuntest l-operazzjoni tal-Forza Navali tal-Unjoni Ewropea – Mediterran (EUNAVFOR Med) kontra minn jiffaċilita d-dħul klandestin ta' persuni u t-traffikanti fil-Mediterran; jenfasizza wkoll il-hteġa uġenti li jiġu żviluppati politiki aktar b'saħħithom fil-livell tal-Unjoni, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet uġenti relatati mal-migranti u r-rifuġjati u jinstab mekkaniżmu effikaċi, ġust u sostenibbli għall-kondiviżjoni tal-piżijiet fost l-Istati Membri; jenfasizza l-miżuri proposti mill-Kummissjoni fid-9 ta' Settembru 2015 biex tiġi indirizzata l-kriżi tar-rifuġjati, bħal pereżempju r-reviżjoni prevista tar-regolament ta' Dublin;

71. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ tagħhom għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin permezz tal-politiki esterni, b'enfasi partikolari fuq il-protezzjoni tal-vittmi, speċjalment persuni taħt l-eż; jemmen bil-qawwa li l-UE għandha ssaħħa il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u atturi rilevanti oħra sabiex ikun hemm skambju ta' prattiki tajba u jingħata kontribut sabiex jinkisru netwerks ta' traffikar internazzjonali; itenni l-hteġa li l-Istati Membri kollha tal-UE jimplimentaw id-direttiva tal-UE 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu ⁽¹⁾ u l-Istrateġija tal-UE għall-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016 ⁽²⁾;

72. Jindika li fl-2014 ġew spustati 17,5 miljun persuna minħabba diżastri relatati mal-klima; jindika li dawn l-ispostamenti primarjament jolqtu r-reġjuni tan-Nofsinar, li huma daww l-aktar esposti għal impatti tat-tibdil fil-klima; jindika li 85 % ta' dawn l-ispostamenti jseħħu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, primarjament f'pajjiż wieħed jew f'partijiet minn pajjiżi; jindika li skont l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju l-Istati Membri tal-UE impenjaw ruħhom li jallokaw 0,7 % tal-PDG għall-finanzjament tal-għajnuna għall-iżvilupp;

73. Jistieden lill-UE tipparteċipa b'mod attiv fid-dibattitu dwar it-terminu 'rifuġjat minħabba l-klima', inkluża d-definizzjoni ġuridika possibbli tiegħu fid-dritt internazzjonali jew fi kwalunkwe ftehim internazzjonali ġuridikament vinkolanti ieħor;

74. Itenni t-talba tiegħu għal pożizzjoni komuni tal-UE dwar l-użu ta' drones armati li tappoġġa d-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali u li għandha tindirizza kwistjonijiet bħall-qafas ġuridiku, il-proporzjonalità, ir-responsabilità, il-protezzjoni taċ-ċivili u t-trasparenza; ihegġegħ għal darb'oħra lill-UE tipprobixxi l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-użu ta' armi kompletament awtonomi li jippermettu li jsiru attacchi mingħajr intervent uman; jappella lill-UE topponi u tipprobixxi l-prattika ta' qtil extraġudizzjarju u mmirat u timpenja ruħha li tiżgura miżuri adegwati, skont l-obbligi ġuridiċi nazzjonali u internazzjonali, meta jkun hemm provi biżżejjed li wieħed jemmen li individwu jew entità fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħha huma marbuta ma' qtil immirat kontra l-liġi lil hinn minn xtutha;

L-avvenimenti kulturali u sportivi internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem

75. Jinsab imħasseb serjament dwar il-fatt li stati awtoritarji fejn iseħħ ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali qegħdin jilqgħu għandhom avvenimenti sportivi ewlenin; jenfasizza l-hteġa li jkun hemm kampanji ta' sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku ġenerali dwar il-hteġa li jkunu żgurati dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward ta' avvenimenti sportivi, inkluża l-problema tal-prostituzzjoni furzata u tat-traffikar ta' bnedmin; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinvolvu ruħhom mal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u fora multilaterali oħrajn, kif ukoll mal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, l-atturi korporattivi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jiżguraw konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem f'attivitajiet bħal dawn, inkluż billi dan isir wieħed mill-kriterji ta' aġġudikazzjoni determinanti għal avvenimenti internazzjonali sportivi ewlenin; jagħti attenzjoni partikolari f'dan ir-rigward lil-logħob tat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA fir-Russja, li se ssir fl-2018, u dik fil-Qatar fl-2022, kif ukoll lil-Logħob Olimpiku f'Beijing fl-2022;

⁽¹⁾ ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.

⁽²⁾ https://ec.europa.eu/anti-trafficking/sites/antitrafficking/files/eu_strategy_towards_the_eradication_of_trafficking_in_human_beings_2012-2016_1.pdf

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015*L-azzjoni tal-UE fl-organizzazzjonijiet multilaterali*

76. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-involvement qawwi tal-UE fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi permezz tal-kooperazzjoni mal-istrutturi tan-NU u l-aġenziji speċjalizzati tagħhom, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE u l-OECD, f'konformità mal-Artikoli 21 u 220 tat-TUE; jilqa' għalhekk l-adozzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

77. Itenni, barra dan, l-importanza li l-UE tinvolvi ruħha b'mod attiv u konsistenti fil-mekkaniżmi kollha tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fit-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti; jirrikonoxxi l-isforzi tas-SEAE, tad-delegazzjonijiet tal-UE fi New York u f'Ġinevra u tal-Istati Membri biex tiżdied il-koerenza tal-UE fil-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell tan-NU; ihegġegħ lill-UE żżid l-isforzi tagħha biex issemma' leħinha, inkluż billi tintensifika l-prattika li qed tiżdied ta' inizjattivi transreġjonali u billi tressaq riżoluzzjonijiet kosponsorizzati jew toħodhom f'idejha hi;

78. Jitlob li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-popli tas-Sahara tal-Punent, inklużi l-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' espressjoni u d-dritt għal għaqda; jitlob b'insistenza li jinħelsu l-priġunieri politiċi Sahrawi kollha; jitlob b'insistenza aċċess għat-territorji tas-Sahara tal-Punent għal membri parlamentari, osservaturi indipendenti, NGOs u l-istampa; ihegġegħ lin-Nazzjonijiet Uniti biex jagħtu lill-MINURSO mandat rigward id-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-missjonijiet l-oħra kollha tan-NU għaż-żamma tal-paċi madwar id-dinja; jappoġġa soluzzjoni ġusta u deġiema tal-kunflitt fis-Sahara tal-Punent, abbażi tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni tal-poplu Sahrawi, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti;

79. Ifakkar fl-importanza li tinżamm il-prattika istituzzjonalizzata li tintbagħat delegazzjoni parlamentari għall-Assemblea Ġenerali tan-NU; jilqa' t-tiġdid tal-prattika fl-2015, fit-28 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem;

80. Jenfasizza li sabiex tissaħħaħ il-kredibilità u l-leġittimità tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-membri kollha tiegħu għandhom iżommu l-ogħla standards tad-drittijiet tal-bniedem u jwettqu l-impenji tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem; iqis li d-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu promossi, żviluppati u konsolidati fil-fora internazzjonali kollha; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta pubblikament dwar l-attivitajiet u l-azzjonijiet li qed twettaq biex tmexxi 'l quddiem l-aġenda tad-drittijiet tal-bniedem u tkompli ssaħħaħ l-obbligu ta' rendikont u r-responsabilità għad-drittijiet tal-bniedem ta' organizzazzjonijiet internazzjonali bħad-WTO u l-Bank Dinji (IBRD, IFC, MIGA);

81. Jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tiegħu biex tintemm l-impunità għall-aktar delitti serji li jkunu ta' tħassib għall-komunità internazzjonali, li ssir ġustizzja mal-vittmi tad-delitti tal-gwerra, tad-delitti kontra l-umanità u tal-ġenoċidju, u jtenni għalhekk l-appoġġ qawwi tiegħu għall-Qorti Kriminali Internazzjonali; iqis li huwa ta' dispjaċir li l-ebda stat ma rratifika l-Istatut ta' Ruma fl-2014; jenfasizza r-responsabilità li tintemm l-impunità u li jittellgħu l-qorti daww responsabbli għal ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra, inklużi daww relatati mal-vjolenza sesswali; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li diversi mandati ta' arrest għadhom ma ġeww eżegwiti; ihegġegħ lill-UE tkompli bl-appoġġ diplomatiku u politiku tagħha għat-tisħiħ u l-espansjoni tar-relazzjoni bejn il-Qorti Kriminali Internazzjonali u n-NU, b'mod partikolari l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kif ukoll fir-relazzjonijiet bilaterali tagħha u fora oħra; jappella lill-UE, inklużi d-delegazzjonijiet tagħha, kif ukoll lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu l-universalità tal-Istatut ta' Ruma u r-ratifika u l-implimentazzjoni effikaċi tiegħu; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu lill-Qorti Kriminali Internazzjonali bir-riżorsi meħtieġa, u biex isaħħu l-appoġġ tagħhom għas-sistema tal-ġustizzja kriminali internazzjonali permezz fost oħrajn ta' appoġġ finanzjarju lill-atturi tas-soċjetà ċivili, pereżempju bis-saħħa tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazzja u għad-Drittijiet tal-Bniedem; jappella għall-implimentazzjoni tal-ġabra ta' għodda tal-UE tal-2013 dwar il-komplementarjetà bejn il-ġustizzja internazzjonali u nazzjonali;

82. Jistieden lill-UE u l-Istati Membri jippromwovu b'mod attiv il-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-ħtieġa għall-infurzar tad-deċiżjonijiet tagħha f'kull tip ta' djalogu ma' pajjiżi terzi;

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

It-tisħiħ tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja*Il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon jew tat-twemmin*

83. Ifakkar li l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin hija dritt fundamentali tal-bniedem, kif rikonoxxut fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u hija garantita mill-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni Internazzjonali tan-NU dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi; ifakkar, bl-istess mod, fir-rabta ta' din il-libertà ma' drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali oħra, li jħaddnu d-dritt li wieħed jemmen jew ma jemminx, il-libertà li wieħed ikollu twemmin teistiku, mhux teistiku jew ateistiku, u d-dritt li wieħed jadotta, ibiddel u jabbanduna jew jirritorna għat-twemmin tal-għażla tiegħu; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li xi pajjiżi għadhom mhumiex konformi mal-istandards tan-NU u jużaw ir-repressjoni tal-istat, li tista' tinkludi pjeni fiżiċi, żmien fil-ħabs, multi ħorox u saħansitra anke l-piena tal-mewt, u dan bi ksur tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fil-persekuzzjoni tal-minoranzi reliġjużi jew ta' twemmin, inklużi l-komunitajiet Kristjani, kif ukoll il-ħsara illeġittima li qed issir fil-postijiet fejn dawn jinġabru;

84. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jikkontribwixxu għall-qerda tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni reliġjuża u jippromwovu d-djalogu bejn ir-reliġjonijiet fir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi; jitlob azzjonijiet konkreti għall-protezzjoni tal-minoranzi reliġjużi, dawk li ma jemmnu, l-apostati u l-atei li huma vittmi ta' liġijiet dwar id-dagħa, u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jimpennjaw ruħhom biex jirrevokaw tali liġijiet; jilqa' l-impenn tal-UE li tippromwovi l-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin f'fora internazzjonali, inkluż billi tappoġġa l-mandat tar-Rapporteur Speċjali tan-NU għal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin; jappoġġa bis-sħiħ il-prattika tal-UE li tiegħu fidejha riżoluzzjonijiet tematiċi dwar dan is-suġġett fi ħdan il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-AĠNU; jitlob azzjoni u miżuri konkreti għall-implimentazzjoni effikaċi u t-titjib tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tar-reliġjon jew it-twemmin; iqis li l-azzjoni għandha tittieħed kemm f'fora internazzjonali kif ukoll f'fora reġjonali, u dan billi jinżamm djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet u mal-komunitajiet reliġjużi, skont l-Artikolu 17 TFUE, inkluż permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE; jiġbed l-attenzjoni bl-istess mod għall-ħtieġa li jkun żgurat taħriġ sistematiku u konsistenti tal-persunal tal-UE fis-sede ċentrali u fid-delegazzjonijiet;

L-azzjoni tal-UE kontra l-piena tal-mewt

85. Jilqa' d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-VP/RGħ u tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa ⁽¹⁾ ta' Ottubru 2014, li affermaw mill-ġdid l-oppożizzjoni qawwija u assoluta tagħhom għall-piena tal-mewt fil-każijiet kollha u f'kull ċirkostanza; isostni l-opinjoni tiegħu li t-tneħħija tal-piena tal-mewt fid-dinja kollha għandha tikkostitwixxi waħda mill-oġġettivi ċentrali tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; jinnotta li l-appoġġ għall-pajjiżi terzi għal politika ta' infurzar b'rabta mad-droga għandu jkollu l-għan li jneħħi l-piena tal-mewt għal delitti relatati mad-droga; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri, fil-kuntest tas-Sitt Kungress Dinji kontra l-Piena Kapitali li se jsir f'Oslo, in-Norveġja, f'Ġunju 2016, jesprimu ruħhom mingħajr ambigwiżità kontra l-piena tal-mewt, jintensifikaw l-impenni tagħhom ħalli titneħħi l-piena tal-mewt u jappoġġaw kampanji għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar dan is-suġġett;

86. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-għadd dejjem jikber ta' sentenzi għal mewt u eżekuzzjonijiet fid-dinja kollha; jiddispijaċi ħafna li xi pajjiżi terzi għad għandhom il-piena tal-mewt fil-leġiżlazzjonijiet tagħhom; iqis li huwa ta' dispijaċir li l-Belarusja reġġet b'diet l-eżekuzzjonijiet wara waqfa ta' sentejn; itenni għaldaqstant it-talba tiegħu lill-Belarusja sabiex timplimenta moratorju fuq il-piena tal-mewt, li fl-aħħar mill-aħħar għandu jwassal għat-tneħħija tagħha; jinnotta li tmien stati jikkontemplaw il-piena tal-mewt għall-omosesswalità fil-leġiżlazzjoni tagħhom;

87. Iħeġġeġ lis-SEAE, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu gwida għal politika Ewropea komprensiva u effikaċi dwar il-piena tal-mewt fir-rigward ta' għexieren ta' ċittadini Ewropej li qed jiffaċċjaw l-eżekuzzjoni f'pajjiżi terzi, li għandha tinkludi mekkaniżmi sodi u msaħħa f'dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni, l-għoti ta' assistenza legali u r-rappreżentanza diplomatika;

88. Jappella lill-UE tkompli tinvolvi ruħha mal-pajjiżi li għad għandhom il-piena tal-mewt, billi tuża l-għodod diplomatiki u ta' kooperazzjoni kollha sabiex tassigura t-tneħħija tal-piena tal-mewt; itenni barra minn hekk l-appell tiegħu lill-UE biex tkompli timmonitorja l-kundizzjonijiet li skonthom qed jitwettqu l-eżekuzzjonijiet fil-pajjiżi li għadhom jeżerċitaw il-piena tal-mewt;

⁽¹⁾ <http://www.coe.int/en/web/portal/10-october-against-death-penalty>

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015*Il-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament krudili*

89. Iqis li, wara t-30 anniversarju mill-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura, u billi t-tortura u t-trattament krudili għadhom qed jitwettqu mad-dinja kollha, l-UE għandha tintensifika l-isforzi tagħha biex telimina dan il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-fatt li membri ta' gruppi vulnerabbli bħal nisa u tfal jew minoranzi etniċi, lingwistiċi jew reliġjużi li huma esposti għal tortura jew trattament ħażin fid-detenzjoni, jeħtieġu attenzjoni speċjali; iħeġġeġ għaldaqstant lis-SEAE u lill-VP/RGħ jinvolve ruħhom b'aktar qawwa fil-ġlieda kontra t-tortura u trattament jew kastig ieħor krudili, diżuman u degradanti, u dan permezz ta' żieda fl-inizjattivi diplomatiċi u t-teħid ta' pożizzjonijiet pubbliċi aktar sistematiċi li jirriflettu l-valuri u l-prinċipji li l-UE impenjat ruħha għalihom; jirrakkomanda li s-SEAE, id-delegazzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jisfruttaw kompletament il-potenzjal tal-istrumenti eżistenti kollha, bħal-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tortura ⁽¹⁾; jirrakkomanda f'dan il-kuntest li l-mekkaniżmi ta' kontroll fuq l-esportazzjonijiet ta' drogi li jistgħu jintużaw għall-eżekuzzjonijiet jew għat-tortura jitjiebu fuq bażi kostanti, inkluż permezz ta' klawnsola mmirata għat-tmiem tal-użu li tissospendi jew twaqqaf it-trasferiment ta' oġġetti relatati mas-sigurtà li biċ-ċar m'għandhomx użu prattiku ieħor għajr li jintużaw għall-piena tal-mewt jew għat-tortura;

90. Jenfasizza li hemm pajjiżi illi naqsu milli jieħdu passi biex jindirizzaw il-ħtieġa urġenti għal pjanijiet bir-riżorsi kollha sabiex jitrattaw il-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet; jinnota li l-progress li sar kien ftit wisq biex jiġi żgurat li l-faċilitajiet tal-ħabs jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u li jitħarsu d-dritt tal-ħabsin għall-ħajja, l-inkolumità fiżika u d-dinjità; jenfasizza l-ħtieġa li jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem u li l-priġunieri m'għandhomx ikunu suġġetti għal trattament jew pieni diżumani jew degradanti;

Diskriminazzjoni

91. Jenfasizza li d-diskriminazzjoni taħt kwalunkwe tip, il-vjolenza, il-pieni fil-forma ta' tpattija, it-tortura, l-abbuż sesswali fuq in-nisa u l-bniet, il-mutilazzjoni ġenitali, iż-żwieġ tal-minuri, iż-żwieġ furzat, it-traffikar tan-nisa, id-diskriminazzjoni jew l-esklużjoni soċjali fuq il-bażi tal-klassi soċjali jew l-orijini jew il-vjolenza abbażi ta' twemmin jew tradizzjonijiet soċjali, reliġjużi jew kulturali m'għandhomx jiġu ġġustifikati fl-ebda ċirkostanza;

92. Jikkundanna bil-qawwa kull forma ta' diskriminazzjoni, inkluża dik ibbażata fuq ir-razza, il-kulur, is-sess, l-orjentament sesswali, l-identità tal-ġeneru, il-lingwa, il-kultura, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orijini soċjali, il-kasta, it-twelid, l-età, id-diżabbiltà jew kwalunkwe status ieħor; iħeġġeġ lill-UE tintensifika l-isforzi tagħha biex telimina kull tip ta' diskriminazzjoni, razziżmu u ksenofobija permezz tad-djalogi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-djalogi politiċi, ix-xogħol tad-delegazzjonijiet tal-UE u d-diplomazija pubblika; iħeġġeġ ukoll lill-UE tkompli tippromwovi r-ratiffa u l-implimentazzjoni sħiħa tal-konvenzjonijiet kollha tan-NU li jappoġġaw din il-kawża, bħall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Razzjali jew il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà;

Id-drittijiet tal-persuni LGBTI

93. Iqis li l-UE għandha tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ ir-rispett għad-drittijiet tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru, transesswali u intersesswali (LGBTI), f'konformità mal-Linji Gwida tal-UE dwar dan is-suġġett ⁽²⁾; jirrakkomanda l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida, inkluż permezz tat-taħriġ tal-persunal tal-UE fil-pajjiżi terzi; jiddispiacij li 75 pajjiż għadhom jikkriminalizzaw l-omosesswalità, inkluż tmienja li jipprevedu l-piena tal-mewt, u jemmaen li l-prattiki u l-atti ta' vjolenza fuq individwi minħabba l-orjentament sesswali tagħhom għandhom jiġu kkastigati; jappoġġa l-ħidma kontinwa tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem biex jiġu miġġielda dawn il-liġijiet diskriminatorji u l-ħidma ta' korpi oħra tan-NU; jinsab imħasseb dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-libertajiet fundamentali ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTI, u jappella lill-UE żżid l-appoġġ tagħha lejn dawn id-difensuri; iqis li d-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTI aktarx li jiġu rrispettati aktar jekk dawn ikollhom aċċess għal istituzzjonijiet ġuridiċi, possibbilment permezz ta' sunjoni ċivili jew żwieġ;

94. Jenfasizza li l-komunitajiet minoritarji fil-pajjiżi terzi għandhom ħtiġijiet speċifiċi u li l-ugwaljanza sħiħa tagħhom għandha tiġi promossa fl-oqsma kollha tal-ħajja ekonomika, soċjali, politika u kulturali;

⁽¹⁾ <http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cmsUpload/TortureGuidelines.pdf>

⁽²⁾ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/foraff/137584.pdf

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

Diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta

95. Jinnota bi tħassib kbir l-iskala u l-konsegwenzi tad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta u l-kontinwazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem ibbażat fuq il-kasta, inkluż it-tiċħid tal-aċċess għas-sistema ġudizzjarja jew għall-impjieg, is-segregazzjoni kontinwa, il-faqar u l-istigmatizzazzjoni; jappella għall-adozzjoni ta' strument tal-UE għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta; jirrakkomanda li dan is-suġġett jiġi integrat fil-linji gwida u l-pjanijiet ta' azzjoni tas-SEAE u tal-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-ġlieda tal-UE kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, u fl-isforzi kollha biex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontribom;

Id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità

96. Jilqa' r-ratifiċi tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; itenni l-importanza ta' implimentazzjoni effiċjenti min-naħa tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE; jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi integrat b'mod kredibbli l-prinċipju ta' aċċessibilità universali u d-drittijiet kollha ta' persuni b'diżabilità fil-politiki rilevanti kollha tal-UE, inkluż fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u jenfasizza n-natura preskrittiva u orizzontali ta' din il-kwistjoni;

97. Ihegġegħ lill-VP/RGħ tkompli tappoġġa l-proċess ta' ratifika u implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità min-naħa ta' dawk il-pajjiżi li għadhom ma rratifikawhiex jew ma implimentawhiex sa issa;

98. Jenfasizza li l-komunità internazzjonali identifikat is-sitwazzjoni tan-nisa b'diżabilità bħala prijorità; ifakkar fil-konklużjonijiet tal-uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, li jiddikjaraw li għandhom jiġu żviluppati politiki u programmi biex tiġi indirizzata l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità, bi sħubija mill-qrib mal-persuni b'diżabilità, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-awtonomija tagħhom, u ma' organizzazzjonijiet fil-qasam tad-diżabilità; jenfasizza l-ħtieġa ta' sorveljanza regolari tal-istituzzjonijiet u ta' taħriġ adegwat lil dawk li jieħdu ħsieb ħaddieħor; jistieden lill-UE tinkorpora l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni minħabba diżabilità fil-politiki tagħha dwar l-azzjoni esterna, il-kooperazzjoni u dawk dwar l-għajnuna għall-iżvilupp, inkluż l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR);

Id-drittijiet tan-nisa u tal-bniet

99. Ifakkar li l-Premju Sakharov 2014 ingħata lid-Dott Denis Mukwege għall-involvement qawwi tiegħu mal-vittmi ta' vjolenza sesswali u l-promozzjoni kontinwa tad-drittijiet tan-nisa, li qajmu kuxjenza dwar l-użu tal-vjolenza u l-mutilazzjoni sesswali tan-nisa, il-bniet u t-tfal bħala mezz ta' gwerra; jikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' abbuż u ta' vjolenza kontra n-nisa, il-bniet u t-tfal, speċjalment l-użu tal-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra, kif ukoll il-mutilazzjoni ġenitali femminili, iż-żwieġ tal-minuri, bikri u furzat, l-iskjavitù sesswali, l-istupru fiż-żwieġ u forom oħra ta' prattiki tradizzjonali li jagħmlu l-ħsara; jenfasizza l-ħtieġa li n-nisa, il-bniet u t-tfal li jisfaw vittmi ta' abbuż f'kunflitti jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa u psikoloġika, f'konformità mad-dritt internazzjonali; jieħu nota f'dan il-kuntest tal-ittra tal-VP/RGħ dwar il-politika tal-għajnuna umanitarja, b'mod partikolari dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza sesswali u li n-nisa jiġu offruti b'appoġġ adegwat u aċċess għall-kura tas-saħħa u psikoloġika f'każ ta' stupru f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt; jistieden lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika;

100. Jenfasizza l-ħtieġa għal skambju ta' prattiki tajba min-naħa tas-SEAE kontra n-nuqqas ta' aċċess għall-ġustizzja għal vittmi ta' delitti relatati mal-vjolenza sesswali; jikkundanna bil-qawwa n-nuqqas ta' aċċess għall-ġustizzja għan-nisa fil-pajjiżi terzi, u speċifikament meta dawn ikunu vittmi ta' vjolenza sessista; jitlob lill-Kummissjoni tiegħu rwol attiv fil-prosekuzzjoni ta' dawn id-delitti fil-pajjiżi terzi u, f'xi każijiet, fl-Istati Membri; ihegġegħ lill-Kummissjoni taħdem mas-SEAE biex ittejjeb l-appoġġ disponibbli għall-vittmi, tinkorpora interventi f'każ ta' vjolenza sessista f'azzjonijiet umanitarji tal-UE u tagħti prijorità lill-azzjonijiet umanitarji tal-UE li jkollhom fil-mira l-vjolenza sessista u l-vjolenza sesswali fil-kunflitti; jilqa' l-impenn tal-UE biex tagħti segwitu għas-Summit Dinji biex Tintemm il-Vjolenza Sesswali fil-Kunflitti li sar f'Londra f'Ġunju 2014, u jhegġegħ għalhekk lill-Kummissjoni tiegħu azzjonijiet konkreti;

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

101. Jiddeplora n-nuqqas ta' politiki ta' prevenzjoni dwar il-vjolenza sessista, in-nuqqas ta' appoġġ għall-vittmi u r-rata għolja ta' impunità għat-trasgressuri f'għadd kbir ta' pajjiżi; jitlob lis-SEAE jiskambja l-prattiki tajba ma' pajjiżi terzi dwar il-proċeduri tar-regolamentazzjoni u l-programmi ta' taħriġ għall-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-ħaddiema tas-settur pubbliku; iħeġġeġ lill-UE tappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem u jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-pajjiżi terzi, u tikkoopera mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi, bħalma huma l-ILO, l-OECD, in-NU u l-Unjoni Afrikana, bil-ħsieb li jinħolqu sinerġiji u jiġi promoss l-emanċipazzjoni tan-nisa;

102. Jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-vjolenza sessista f'bosta partijiet tad-dinja u r-rata li qed tiżdied tal-femminiċidju fl-Amerika Latina, li jseħħ f'kuntast ta' vjolenza ġeneralizzata u diskriminazzjoni strutturali; jikkundanna bil-qawwa kull forma ta' vjolenza sessista u d-delitt ripunjanti tal-femminiċidju, kif ukoll l-impunità li tiddomina għal dawn id-delitti, li tista' tinkoraġġixxi saħansitra aktar vjolenza u qtil;

103. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar il-ksur possibbli tad-drittijiet tal-bniedem li jolqot lin-nisa u l-bniet fil-kampijiet tar-rifuġjati fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, inklużi każijiet rappurtati ta' vjolenza sesswali u inugwaljanza fit-trattament tan-nisa u l-bniet; jitlob lis-SEAE jinsisti fuq regoli aktar stretti u fuq Prattiki tajba f'pajjiżi terzi sabiex tintemm l-inugwaljanza fost ir-rifuġjati, indipendentement mis-sess tagħhom;

104. Jiddeplora l-fatt li nofs il-popolazzjoni tad-dinja tħabbat wiċċha ma' diskriminazzjoni fil-pagi, u li fuq livell dinji n-nisa jaqilgħu bejn 60 u 90 % tal-introjtu medju tal-irġiel;

105. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-VP/RGħ jkomplu jippromwovu l-emanċipazzjoni fil-livell politiku u ekonomiku lin-nisa u lill-bniet bl-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki esterni u l-programmi kollha tagħhom, inkluż permezz ta' djalogi strutturati ma' pajjiżi terzi, billi jqajmu pubblikament kwistjonijiet relatati mal-ġeneru u billi jiżguraw biżżejjed riżorsi għal dan il-għan; jilqa' b'mod pożittiv il-qafas il-ġdid għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa għall-2016-2020 ⁽¹⁾; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm enfasi fuq il-pilastru orizzontali, li għandu l-għan li l-Kummissjoni u s-SEAE jissodisfaw b'mod aktar effikaċi l-impenji tal-UE għat-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet permezz ta' relazzjonijiet esterni;

106. Jiddeplora n-nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-isfera politika; ifakkar li n-nisa u l-irġiel huma ndaq u għandhom igawdu l-istess drittijiet politiċi u libertajiet ċivili, u jiddeplora bl-istess mod il-fatt li n-nisa mhumie x rappreżentati biżżejjed fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi, soċjali u politiċi; jenfasizza l-ħtieġa ta' mekkaniżmi effikaċi ta' protezzjoni għad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem; jirrakkomanda li tiġi introdotta sistema ta' kwoti sabiex jiġi offrut mezz ta' promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-korpi politiċi u fil-proċess demokratiku, primarjament bħala kandidati;

107. Jappella lill-UE tkompli tappoġġa l-emanċipazzjoni tan-nisa fil-livell ekonomiku, soċjali u politiku bħala għodda għall-promozzjoni tat-tgawdija xierqa tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom, u biex tagħti l-akbar importanza lill-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għall-bniet, inklużi dawk li ġejjin mill-ifqar komunitajiet u dawk l-aktar emarġinati; jitlob li jingħata appoġġ lill-edukazzjoni vokazzjonali għan-nisa, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni akbar fit-taħriġ vokazzjonali fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija, jifasslu programmi ta' taħriġ fl-ugwaljanza bejn is-sessi għall-professjonisti fl-edukazzjoni fil-pajjiżi terzi, u jittieħdu passi biex jiġi evitat li l-materjal edukattiv jittrażmetti sterjotipi; iħeġġeġ lill-UE tinkludi din il-prijorità f'kull attività diplomatika, kummerċjali u tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha;

108. Jenfasizza l-ħtieġa li titkompla l-edukazzjoni għall-bniet fil-kampijiet tar-rifuġjati, fiż-żoni ta' kunflitt u f'żoni milquta minn faqar estrem u minn estremitajiet ambjentali bħal nixfiet u għargħar;

⁽¹⁾ http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-5690_en.pdf

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

109. Ihegġegħ lill-UE tkompli tintegra l-appoġġ għan-nisa u l-bniet fi ħdan l-operazzjonijiet tal-PSDK u l-arkitettura tal-bini tal-paċi tan-NU, u tkompli bl-isforzi tagħha għall-implimentazzjoni u t-tisħiħ tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1325(2000) ⁽¹⁾ u 1820(2008) ⁽²⁾ dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà; jistieden lill-UE f'dan ir-rigward tappoġġa fil-livell internazzjonali r-rikonoxximent tal-valur miżjud tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, kif ukoll fl-operazzjonijiet taż-żamma tal-paċi, l-għajnuna umanitarja u r-rikostruzzjoni wara l-kunflitti, kif ukoll il-proċessi ta' tranżizzjoni demokratika li jwasslu għal soluzzjonijiet politiċi deġġenarati u stabbli; jenfasizza bl-istess mod l-importanza li jiġi żgurat li n-nisa jgawdu mid-drittijiet kollha tal-bniedem u li jingħata kontribut biex jemanċipaw ruħhom, inkluż fil-qafas tal-aġenda għal wara l-2015 u permezz tal-appoġġ għall-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Konvenzjoni ta' Istanbul; jilqa' l-appoġġ tal-UE għar-riżoluzzjonijiet tan-NU dwar kwistjonijiet ta' ġeneru, speċjalment fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni u tal-opinjoni għall-emanċipazzjoni tan-nisa; jilqa' b'mod pożittiv il-konklużjonijiet tad-59 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa ⁽³⁾;

110. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi b'mod sistematiku azzjonijiet konkreti biex titjieb il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċessi elettorali fil-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali kollha tal-UE, f'konformità mal-linji gwida tal-UE f'dan il-qasam, b'kont meħud tal-konklużjonijiet tas-seminar ta' esperti elettorali għolja li sar fi Brussell f'April 2014 u t-tagħlimiet li nsiltu mill-esperjenza ta' missjonijiet imgħoddija;

111. Jilqa' l-isforzi li saru mis-SEAE fil-pajjiżi terzi biex titthaff l-implimentazzjoni tal-obbligi u l-impenji fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa li joħorġu mis-CEDAW, il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u d-Dikjarazzjoni tal-Kajr dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp fl-aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015;

112. Jisħaq fuq l-importanza li ma jiġix imminat l-acquis tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni u s-saħħa bħala dritt bażiku tal-bniedem, u l-protezzjoni tad-drittijiet sesswali u riproduttivi; jenfasizza l-fatt li r-rispett universali għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, kif ukoll l-aċċess għas-servizzi rilevanti jikkontribwixxu biex titnaqqas il-mortalità materna u tat-trabi; jindika li l-ippjanar tal-familja, is-saħħa materna, l-aċċess faċli għall-kontraċezzjoni u aborti sikuri huma elementi importanti biex jiġu salvati l-ħajjiet tan-nisa u jgħinuhom jibnu ħajjithom mill-ġdid jekk ikunu sfaw vittmi ta' stupru; jenfasizza l-ħtieġa li dawn il-politiki jitpoġġew fil-qalba tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma' pajjiżi terzi;

113. Iqis iż-żwigiġijiet ta' persuni taħt l-età bħala ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li jolqot l-aspetti kollha tal-ħajja tal-bniet involuti, jipperikola l-edukazzjoni tagħhom, u b'hekk jillimita l-prospetti tagħhom, jipperikolalhom saħħithom u jżid ir-riskju ta' vjolenza u abbuż;

114. Jinnota bi tħassib serju li mis-snin tmenin 'l hawn, l-industrija tal-għarajjes mixtrija b'korrispondenza żdiedet b'rata allarmanti; jinnota bi tħassib li jeżistu għadd ta' każijiet dokumentati ta' nisa li ġew attakkati u/jew maqtula wara li żżewġu raġel li jkun xtrahom b'korrispondenza; jiddeplora l-fatt li għadd sinifikanti ta' tfajliet taħt l-età jidhru fis-siti tal-internet tax-xiri ta' għarajjes b'korrispondenza, u jenfasizza li fejn it-tfal jintużaw għal skopijiet sesswali dan jeħtieġ jitqies bħala abbuż tat-tfal;

115. Jikkundanna l-prattika ta' maternità surrogata, li timmina d-dinjità tal-bniedem tal-mara hekk kif ġisimha u l-funzjonijiet riproduttivi tagħha jintużaw bħala prodott bażiku; iqis li l-prattika ta' sostituzzjoni għal matul it-tqala, li tinvolvi l-isfruttament riproduttiv u l-użu tal-ġisem tal-bniedem għal gwadann finanzjarju jew ta' tip ieħor, b'mod partikolari fil-każ ta' nisa vulnerabbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, għandha tiġi pprojbata u ttrattata bħala kwistjoni ta' urġenza fl-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem;

Id-drittijiet tat-tfal

116. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa urġenti għar-ratiffa universali u l-implimentazzjoni effikaċi tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-NU u l-Protokollu Fakultattiv tagħha; jistieden lill-Istati kollha jimpennaw ruħhom biex jeliminaw l-aghhar forum ta' tħaddim tat-tfal, kif definit fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-ILO Nru 182, li jinkludu l-iskjavitù tat-tfal, it-traffikar, il-prostituzzjoni u xogħol perikoluż li jaffettwaw is-saħħa fiżika u mentali tat-tfal;

⁽¹⁾ [http://www.un.org/en/ga/search/view_doc.asp?symbol=S/RES/1325\(2000\)](http://www.un.org/en/ga/search/view_doc.asp?symbol=S/RES/1325(2000))

⁽²⁾ [http://www.un.org/en/ga/search/view_doc.asp?symbol=S/RES/1820\(2008\)](http://www.un.org/en/ga/search/view_doc.asp?symbol=S/RES/1820(2008))

⁽³⁾ http://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=E/2015/27

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

117. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal⁽¹⁾, adottati f'Diċembru 2014, u jitlob lill-UE tkompli tappoġġa lill-pajjiżi sħab fil-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza fuq it-tfal, inkluż l-isfruttament sesswali, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom biex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal; jilqa' t-tnedija fuq livell dinji fl-2014 tal-ġabra ta' għodda tad-Drittijiet tat-Tfal UE-UNICEF⁽²⁾; jieħu nota tad-dikjarazzjoni ta' Mejju 2014 mill-Kummissarju tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-drittijiet tat-tfal intersesswali;

118. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproponi Strateġija u Pjan ta' Azzjoni komprensivi għad-Drittijiet tat-Tfal għall-ħames snin li ġejjin, biex tagħti prijorità lid-drittijiet tat-tfal fi ħdan il-politiki esterni tal-UE, tappoġġa l-isforzi tal-UE biex tippromwovi drittijietom, prinċipalment billi tikkontribwixxi biex tiżgura l-aċċess tat-tfal għall-ilma, is-sanità, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, billi tiżgura r-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid tat-tfal li jinsabu fi gruppi armati, jiġu eliminati t-tħaddim tat-tfal, it-tortura, il-kwistjoni tat-tfal li għandhom is-seħer, it-traffikar, iż-żwieġ furzat u l-isfruttament sesswali, u billi t-tfal li jinsabu f'kunflitti armati jingħataw l-għajnuna u jiġi żgurati l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni f'żoni ta' kunflitt u fil-kampijiet tar-rifuġjati; jistieden lill-VP/RGħ biex kull sena tirrapporta lill-Parlament dwar ir-riżultati li nkisbu f'dak li għandu x'jaqşam mal-azzjoni esterna tal-UE ffokata fuq it-tfal; ifaħħar il-kampanja "Children No Soldiers" (Le għat-tfal suldati), u jappella lill-UE u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ tagħhom sabiex tintlaħaq il-mira li sal-2016 jintemm ir-reklutaġġ u l-użu tat-tfal f'kunflitti mill-forzi armati tal-gvern;

119. Jilqa' l-kooperazzjoni tal-UE mal-UNRWA, kif ukoll mal-UNICEF li wasslet għal ġabra ta' għodda għall-integrazzjoni tad-drittijiet tat-tfal fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u appoġġ għall-għanijiet ta' żvilupp tal-millennju, kif ukoll programmi għall-protezzjoni tat-tfal bil-għan li jinkisbu d-drittijiet għat-tfal, speċjalment f'kuntesti fraġli;

120. Jilqa' l-kooperazzjoni attiva tal-UE ma' bosta Rapporteurs Speċjali tan-NU, li jaħdmu fuq drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, inklużi r-Rappreżentant Speċjali dwar id-dritt tal-bniedem għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità, ir-Rappreżentant Speċjali dwar id-dritt għall-edukazzjoni, ir-Rappreżentant Speċjali dwar id-dritt għall-ikel, ir-Rappreżentant Speċjali dwar il-faqar estrem u d-drittijiet tal-bniedem, u r-Rappreżentant Speċjali dwar akkomodazzjoni adegwata; jinnota b'mod pożittiv li l-promozzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali ssaħħet fil-Programm Indikattiv Pluriennali tal-EIDHR 2014-2017, li għandu l-għan fost oħrajn li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tat-trejdjunjins, iż-żieda fl-għarfien ta' kwistjonijiet marbuta mal-paġi, il-protezzjoni tal-wirt tal-art, il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali permezz tat-tisħiħ tal-pożizzjoni fil-qasam ekonomiku u t-tnaqqis fid-diskriminazzjoni ekonomika u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol;

It-tishih tad-demokrazija madwar id-dinja

121. Jenfasizza l-involvement tal-UE fiż-żamma u l-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-valuri demokratiċi fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja; ifakkar li r-reġimi demokratiċi huma kkaratterizzati mhux biss minn proċessi elettorali ħielsa u ġusti, iżda wkoll mil-libertà tal-kelma, tal-istampa u ta' assoċjazzjoni, l-istat tad-dritt u r-responsabilità, l-indipendenza tal-ġudikatura, u l-amministrazzjoni imparzjali, fost aspetti oħrajn; jenfasizza li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma inseparabbli u jsaħħu lil xulxin, kif imsemmi fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2009 dwar l-appoġġ għad-demokrazija fir-relazzjonijiet esterni tal-UE; jilqa' l-fatt li l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija jagħti aktar attenzjoni lill-attivitajiet ta' appoġġ lid-demokrazija;

Id-difiża tal-libertà tal-espressjoni u t-tisħiħ tas-soċjetà ċivili

122. Itenni l-fatt li l-libertà tal-espressjoni hija komponent vitali ta' kwalunkwe soċjetà demokratika, billi trawwem kultura ta' pluraliżmu li tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini biex iżommu responsabbli lill-gvernijiet tagħhom u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, u tappoġġa r-rispett għall-istat tad-dritt; iħeġġeġ għaldaqstant lill-UE tintensifika l-isforzi tagħha biex tippromwovi l-libertà tal-espressjoni permezz tal-politiki u l-istrumenti esterni tagħha;

⁽¹⁾ <http://register.consilium.europa.eu/doc/srv?l=MT&f=ST%2015559%202014%20INIT>

⁽²⁾ <http://www.unicef.org/eu/crtoolkit/downloads/Child-Rights-Toolkit-Web-Links.pdf>

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

123. Itenni t-talba tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex isaħħu l-monitoraġġ tagħhom ta' kull tip ta' restrizzjoni fuq il-libertà tal-espressjoni u l-midja fil-pajjiżi terzi u biex jikkundannaw malajr u b'mod sistematiku tali limitazzjonijiet, anke meta dawn jiġu imposti b'għanijiet leġittimi bħal pereżempju l-għieda kontra t-terroriżmu, is-sigurtà tal-istat jew l-eżekuzzjoni tal-liġi; jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata implimentazzjoni effikaċi tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline u li jsir monitoraġġ regolari tal-impatt tagħhom; ifakkar fl-għan tal-UE li tiżgura u ttiproteġi l-aċċess mingħajr diskriminazzjoni għall-informazzjoni u l-libertà tal-espressjoni għall-individwi kollha, kemm online u kemm offline;

124. Iqis li billi l-informazzjoni ssir kemm jista' jkun aċċessibbli, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni joffru opportunitajiet għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, il-prattiki demokratiċi u l-iżvilupp soċjali u ekonomiku; jenfasizza barra minn hekk, il-kontribut ta' dawn it-teknoloġiji għall-isforzi tal-movimenti tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari f'reġimi mhux demokratiċi; jesprimi tħassib dwar l-użi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni minn uħud mir-reġimi awtoritarji, li qed ikunu dejjem aktar ta' theddida għall-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jenfasizza l-ħtieġa għal iżjed appoġġ fl-oqsma tal-promozzjoni tal-libertà medjatika, il-protezzjoni tal-ġurnalisti u l-bloggers indipendenti, it-tnaqqis fid-distakk diġitali u l-iffaċilitar ta' aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-aspetti tad-drittijiet tal-bniedem ta' prodotti b'użu doppju fil-qafas tar-reviżjoni tas-sistema ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-UE;

L-appoġġ tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem

125. Jiddeplora l-fatt li s-soċjetà ċivili, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, qed tkun dejjem taħt attackk madwar id-dinja kollha; jinsab imħasseb ħafna dwar għadd dejjem jiżdied ta' pajjiżi, bħar-Russja u xi pajjiżi tal-Asja Ċentrali, li qed jgħaddu liġijiet ħorox biex irażżnu l-attivitajiet tal-NGOs billi jirrestrinġu l-aċċess tagħhom għall-finanzjament barrani u jintroduċu rekwiżiti ta' rappurtar onerużi u pieni ibsin f'każ ta' nuqqas ta' konformità; ifakkar li d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' assemblea huwa karatteristika essenzjali ta' soċjetà demokratika, miftuħa u tolleranti; jappella għal sforzi mġedda bi sfida għar-restrizzjonijiet u l-intimidazzjoni li qed iħabbtu wiċċhom magħhom persuni li jaħdmu f'organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili madwar id-dinja, u biex l-UE tagħti eżempju permezz tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet ikkonċernati;

126. Jinnota b'mod pożittiv li fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid il-VP/RGħ tenniet l-impenn tal-UE li tagħti s-setgħa lill-atturi lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jenfasizza li, minħabba t-tnaqqis sinifikanti fl-ispazju tagħha, is-soċjetà ċivili, u b'mod partikolari d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, jeħtieġu aktar attenzjoni u sforzi mill-UE; iħeġġeġ għaldaqstant lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jelaboraw tweġiba koerenti u komprensiva għall-isfidi ewlenin li s-soċjetà ċivili, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, qed iħabbtu wiċċhom magħhom fid-dinja kollha;

127. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jimmonitorjaw fuq bażi kostanti u jqajmu f'kull livell tad-dialogu politiku, każijiet ta' ksur tal-libertà tal-għaqda u ta' assoċjazzjoni, inkluż permezz ta' forom differenti ta' projbizzjonijiet u limitazzjonijiet fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-attivitajiet tagħhom;

128. Jappella barra minn hekk lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jużaw il-mezzi disponibbli kollha biex iqajmu b'mod sistematiku każijiet individwali ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ta' attivisti tas-soċjetà ċivili li jinsabu f'riskju, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw lill-ħabsin; iħeġġeġ lill-persunal diplomatiku tad-delegazzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri jkomplu jappoġġaw b'mod attiv lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, billi jimmonitorjaw b'mod sistematiku l-proċessi, iżuru lill-attivisti miżmuma l-ħabs u joħorġu dikjarazzjonijiet dwar każijiet individwali, kif ukoll jindirizzaw ksur tad-drittijiet tal-bniedem mal-kontropartijiet rilevanti tagħhom; jinsisti li rappreżentanti għolja tal-UE, partikolarment il-VP/RGħ, il-Kummissarji, ir-Rappreżentanti Speċjali tal-UE u uffiċjali tal-gvern mill-Istati Membri għandhom jiltaqgħu b'mod sistematiku mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem meta jivvjaġġaw f'pajjiżi fejn is-soċjetà ċivili tinsab taħt pressjoni;

129. Jinnota b'mod pożittiv l-assistenza tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili madwar id-dinja permezz ta' finanzjament mill-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem; jenfasizza l-importanza partikolari li jintuża dan l-Istrument għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu jinsabu l-aktar f'riskju; jenfasizza wkoll li l-appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinsabu f'riskju għandu jikkunsidra primarjament il-kriterji ta' effikaċja u jevita kundizzjonijiet preskrittivi żżejjed; jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lid-delegazzjonijiet tal-UE jiżguraw li l-finanzjament disponibbli għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jintuża tajjeb;

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

L-appoġġ favur proċessi elettorali u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura u tal-amministrazzjoni imparzjali fil-pajjiżi terzi

130. Jilqa' t-tmien Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali u t-tmien Missjonijiet ta' Esperti Elettorali min-naħa tal-UE madwar id-dinja fl-2014; itenni l-opinjoni pożittiva tiegħu tal-appoġġ kontinwu tal-UE għall-proċessi elettorali u l-għoti min-naħa tagħha ta' għajnuna elettorali u appoġġ għall-osservaturi nazzjonali;

131. Ifakkar fl-importanza li jingħata segwitu adegwat lir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali, u dan bħala mod kif jissaħħaħ l-impatt tagħhom u l-appoġġ tal-UE għal standards demokratiċi fil-pajjiżi kkonċernati;

132. Jirrakkomanda li l-UE żżid l-isforzi tagħha biex tiżviluppa approċċ aktar komprensiv lejn il-proċessi ta' demokratizzazzjoni, fejn elezzjonijiet ħielsa u ġusti jikkostitwixxu biss dimensjoni waħda minnhom, biex b'hekk jingħata kontribut pożittiv għat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-fiducia pubblika fil-proċessi elettorali fid-dinja kollha;

133. Jinnota b'mod pożittiv f'dan il-kuntest, il-bidu tat-tieni ġenerazzjoni tal-proġetti pilota dwar l-appoġġ lid-demokrazija fi 12-il delegazzjoni magħżula tal-UE fl-2014, b'segwitu għall-impenn meħud fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2009 u fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2012 għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija; jenfasizza bil-qawwa l-importanza ta' dawn il-proġetti pilota biex tintlaħaq aktar koerenza fl-appoġġ għad-demokrazija permezz tal-politiki esterni u l-istrumenti tal-UE;

134. Jilqa' l-impenn li hađu l-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija biex ikollhom kuntatt aktar qawwi u konsistenti mal-korpi tal-amministrazzjoni elettorali, l-istituzzjonijiet parlamentari, l-NGOs lokali, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi terzi, sabiex jinvolvuhom b'aktar intensità fil-monitoraġġ tal-elezzjonijiet u jikkontribwixxu sabiex dawn jingħataw aktar setgħa, u b'hekk jissaħħu l-proċessi demokratiċi;

135. Ifakkar li l-esperjenza miksuba mill-Unjoni Ewropea, il-politiċi, id-dinja akkademika, il-midja, l-NGOs u s-soċjetà ċivili, u t-tagħlimiet misluta mit-tranżizzjoni għad-demokrazija fil-qafas tal-politiki ta' tkabbir u tal-viċinat, jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki li jistgħu jintużaw għall-appoġġ u l-konsolidament ta' proċessi oħrajn ta' demokratizzazzjoni fid-dinja kollha;

136. Ifakkar li l-korruzzjoni thedded li d-drittijiet tal-bniedem ma jitgawdex b'mod ugwali minn kulħadd u ddgħajef il-proċessi demokratiċi bħall-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni imparzjali tal-ġustizzja; ifakkar ukoll li l-UE sostniet li għandha l-kompetenza esklużiva għall-iffirmar tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni;

137. Jesprimi l-opinjoni tiegħu li l-UE għandha tenfasizza fil-pjattaformi kollha ta' dialogu ma' pajjiżi terzi, l-importanza tat-trasparenza u l-aċċessibilità, l-integrità, ir-responsabilità u l-ġestjoni adegwata tal-affarijiet pubbliċi, tal-baġit pubbliku u tal-proprjetà pubblika, kif stipulat fil-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni; jemmen li l-korruzzjoni fil-forom kollha tagħha ddgħajef il-prinċipji demokratiċi u taffettwa ħażin l-iżvilupp soċjali u ekonomiku; jappella sabiex jingħata segwitu għat-talba tiegħu biex ikun hemm monitoraġġ imtejjeb tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, u bl-istess mod, kunsiderazzjoni adegwata tar-rakkomandazzjonijiet tal-OECD; iqis li l-UE għandha tappoġġa lill-pajjiżi terzi b'mod aktar konsistenti u sistematiku fl-indirizzar tal-korruzzjoni, u dan permezz ta' għarfien espert fit-twaqqif u l-konsolidament ta' istituzzjonijiet indipendenti u effikaċi kontra l-korruzzjoni, inkluż permezz ta' kooperazzjoni proattiva mas-settur privat; jirrakkomanda wkoll li jiġu żviluppati mekkaniżmi finanzjarji innovattivi sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra t-tipi kollha ta' korruzzjoni; jinnota f'dan il-kuntest, l-appell għal regolamentazzjoni mtejjba tat-tranżazzjonijiet finanzjarji fil-livell internazzjonali;

138. Huwa tal-opinjoni li l-UE għandha ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tippromwovi l-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura flivell multilaterali u bilaterali; ihegġegħ lill-UE tappoġġa l-amministrazzjoni imparzjali tal-ġustizzja mad-dinja kollha billi tassisti l-proċessi tar-riformi leġiżlattivi u istituzzjonali fil-pajjiżi terzi; ihegġegħ ukoll lid-delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri jwettqu b'mod sistematiku l-monitoraġġ tal-proċessi bil-għan li tiġi promossa l-indipendenza tal-ġudikatura;

Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

It-tisħiħ tal-azzjonijiet tal-Parlament Ewropew rigward id-drittijiet tal-bniedem

139. Jilqa' r-rieżami tal-Linji Gwida għad-Delegazzjonijiet Interparlamentari tal-Parlament Ewropew dwar il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, imwettaq mill-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet f'kooperazzjoni mas-Sottokomitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; jirrakkomanda f'dan il-kuntest, prattika iżjed sistematika u trasparenti ta' kif jitqajmu l-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod speċjali l-każijiet individwali msemmija fir-risoluzzjonijiet tal-Parlament, waqt żjarat tad-delegazzjoni f'pajjiżi terzi, u ta' kif isir ir-rappurtar bil-miktub lis-Sottokomitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-azzjonijiet meħuda, u fejn politikament ġustifikat, permezz ta' sessjoni speċifika informattiva;

140. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm riflessjoni kontinwa rigward l-iżjed modi xierqa kif jiġu mmassimizzati l-kredibilità, il-viżibilità u l-effikaċja tar-risoluzzjonijiet tal-Parlament dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;

141. Iħeġġeġ id-diskussjoni dwar l-inklużjoni tal-għodda differenti disponibbli għall-Parlament rigward l-appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni tagħhom fi ħdan dokument ta' strateġija uniku, li għandu jiġi adottat mill-Parlament fil-plenarja;

o

o o

142. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-President tas-70 Assemblée Ġenerali tan-NU, lill-President tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, u lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-UE.